

Bidu ġdid għall-Ewropa: L-Aġenda tiegħi għall-Impjegi, it-Tkabbir, il-Ġustizzja u t-Tibdil Demokratiku

Linji Gwida Poliċi

għall-
Kummissjoni Ewropea
li jmiss

Dikjarazzjoni ftuħ

fil-Parlament Ewropew
Sessjoni plenarja

Jean-Claude Juncker

Kandidat għal
President tal-Kummissjoni Ewropea

Strasburgu, il-15 ta' Lulju 2014

Immexxu l-Ewropa 'l quddiem

Il-messaġġi ewlenin

tal-President-elett Juncker
fid-diskors tiegħu quddiem
il-Parlament Ewropew

Dikjarazzjoni

fis-sessjoni plenarja
tal-Parlament Ewropew
qabel ma jittieħed il-vot
fuq il-Kulleġġ

Strasburgu, it-22 ta' Ottubru 2014

Jean-Claude Juncker

Kandidat għal President
tal-Kummissjoni Ewropea

**Bidu ġdid għall-Ewropa:
L-Aġenda tiegħi għall- Impjiegi, it-Tkabbir,
il- Ġustizzja u t-Tibdil Demokratiku**

Linji Gwida Poliċi
għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss

Diskors tal-ftuħ fis-sessjoni plenarja
tal-Parlament Ewropew

Strasburgu, 15 ta' Lulju 2014

Bidu ġdid għall-Ewropa: L-Aġenda tiegħi għall- Impjiegi, it-Tkabbir, il- Ġustizzja u t- Tibdil Demokratiku

Linji Gwida Poliċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss

Matul l-aħħar snin, l-Ewropa sofriet l-aġħar kriżi finanzjarja u ekonomika sa mit-Tieni Gwerra Dinjija. Kellhom jittieħdu miżuri bla preċedent mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-gvernijiet nazzjonali sabiex jistabbilizzaw l-ekonomija tal-Istati Membri, jikkonsolidaw il-finanzi pubbliċi u jevitaw li jintilfu r-riżultati ta' għexieren ta' snin ta' integrazzjoni Ewropea. L-aġħar ġie evitat. Is-suq intern u l-integrità taż-Żona tal-Ewro ġew priżervati. Bil-mod, iżda b'pass sod, l-Ewropa qed terġa' tikseb it-tkabbir ekonomiku ul-fiduċja.

Madankollu, il-kriżi ħalliet l-effetti tagħha. Aktar minn sitt miljun persuna tilfu l-impjieg tagħhom matul il-kriżi. Il-qgħad taż-żgħażaġħ laħaq livelli rekord. Bosta mill-Istati Membri tagħna għadhom 'il bogħod mit-tkabbir sostenibbli u livelli adegwati ta' investment. F'bosta pajjiżi, il-fiduċja fil-proġett Ewropew hija f'livell storikament baxx.

Il-miżuri li ttieħdu matul il-kriżi jistgħu jitqabblu mat-tiswija ta' ajruplan qed jaqbad waqt li jkun qiegħed itir. Fil-biċċa l-kbira, dawn irnexxew. Madankollu, saru wkoll żbalji. Kien hemm nuqqas ta' ġustizzja soċjali. Il-leġittimità demokratika sofriet għax kellhom jitwaqqfu bosta strumenti ġodda barra mill-qafas legali tal-Unjoni Ewropea. U, wara bosta snin li fihom l-enfasi kien fuq il-ġestjoni tal-kriżijiet, l-Ewropa qegħda ssib li mhijiex preparata tajjeb għall-isfidi globali li ġejjin, fir-rigward kemm tal-era diġitali, kif ukoll tat-tiġrija għall-innovazzjoni u l-ħiliet, l-iskarsezza tar-riżorsi naturali, is-sikurezza tal-ikel tagħna, il-kost tal-enerġija, l-impatt tat-tibdil fil-klima, it-tixjiħ tal-popolazzjoni tagħna jew it-tbatija u l-faqar fuq il-fruntieri esterni tal-Ewropa.

Hekk kif ninsabu deħlin fiċ-ċiklu leġiżlattiv il-ġdid wara l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew f'Mejju 2014, **wasal iż-żmien għal approċċ ġdid.**

Bħala kandidat għal President tal-Kummissjoni Ewropea, narah bħala d-dmir prinċipali tiegħi li nerġa' nibni l-pontijiet fl-Ewropa wara l-kriżi. Li nerġa' nistabbilixxi l-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej. Li niffoka l-politiki tagħna fuq l-isfidi ewlenin li ġejjin għall-ekonomija u għas-soċjetajiet tagħna. U li nsaħħaħ il-leġittimità demokratika fuq il-bażi tal-metodu Komunitarju.

Wara li għamilt kampanja bħala l-kandidat ewlieni tal-Partit Popolari Ewropew għal President tal-Kummissjoni qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew - flimkien ma' Martin Schulz għall-Partit tas-Soċjalisti Ewropej, Guy Verhofstadt għall-Partit tal-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-Ewropa u l-Partit Demokratiku Ewropew, Ska Keller u José Bové għall-Partit tal-ħodor Ewropej, u Alexis Tsipras għall-Partit tax-Xellug Ewropew - ġejt propost mill-Kunsill Ewropew bħala kandidat għal President tal-Kummissjoni Ewropea fis-27 ta' Ġunju 2014. B'din il-proposta, il-Kunsill Ewropew ħa kont tar-riżultat tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew - li fihom il-partit tiegħi rebaħ l-ogħla numru ta' siġġijiet -, wara li kellu konsultazzjonijiet xierqa mar-

rappreżentanti tal-Parlament Ewropew.

Għall-ewwel darba, b'dan ġiet stabbilita rabta diretta bejn ir-riżultat tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-proposta tal-President tal-Kummissjoni Ewropea. Dan isegwi sejniet li ilhom isiru mill-Parlament Ewropew, li ġew ripetuti għal għexieren ta' snin. Huwa għandu l-potenzjal li jintroduċi doża addizzjonali meħtieġa ħafna ta' leġittimità demokratika fil-proċess Ewropew tat-teħid tad-deċiżjonijiet, skont ir-regoli u l-prattika tad-demokrazija parlamentari. Huwa wkoll opportunità unika għal bidu għdid.

Wara l-konfrontazzjonijiet tal-kampanja elettorali, issa jeħtieġ li naħdmu flimkien. Minkejja d-differenzi tagħna, hemm konverġenza wiesgħa fl-opinjonijiet dwar il-prijoritajiet ewlenin li għandhom jiġu indirizzati fil-livell Ewropew. U nixtieq naħdem magħkom il-koll sabiex nibnu kunsens wiesa', madwar l-istituzzjonijiet tal-UE, dwar dak li neħtieġu li nipprovdur lill-Ewropej. U mbagħad insegwu l-kliem tagħna bl-azzjoni billi nwettqu dawk li nkunu qbilna dwaru.

Huwa għalhekk li, wara li qsamt l-opinjonijiet mal-gruppi politiċi kollha tal-Parlament Ewropew li għadu kif ġie elett, qed nipproponi li nġeddu l-Unjoni Ewropea abbażi ta' **Aġenda għall-Impjiegi, it-Tkabbir, il-Ġustizzja u t-Tibdil Demokratiku**. Aġenda li tiffoka fuq l-oqsma fejn l-Unjoni Ewropea tista' tagħmel differenza reali.

L-aġenda tiegħi se tiffoka fuq **10 oqsma ta' politika**. L-enfasi tiegħi se jkun fuq riżultati konkreti f'dawn l-10 oqsma. Lil hinn minn dan, se nħalli l-oqsma ta' politika l-oħra għall-Istati Membri fejn huma aktar leġittimi u attrezzati aħjar biex joffru risposti effettivi ta' politika fuq il-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. **Irrid Unjoni Ewropea li hija akbar u aktar ambizzjuża fuq l-affarijiet il-kbar, u iżgħar u aktar modesta fuq l-affarijiet iż-żgħar.**

L-10 oqsma ta' politika li jridu jiġu indirizzati fl-Aġenda tiegħi għall-Impjegi, it-Tkabbir, il-Ġustizzja u t-Tkabbir Ekonomiku huma dawn li ġejjin:

1. Spinta Ġdida għall-Impjegi, it-Tkabbir u l-Investment

L-ewwel prijorità tiegħi bħala President tal-Kummissjoni hija li nsaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa u li nistimola l-investment għall-fini tal-ħolqien tal-impjegi. Beħsiebni nippreżenta, fl-ewwel tliet xhur tal-mandat tiegħi u fil-kuntest tar-rieżami tal-Ewropa 2020, **Pakkett tal-Impjegi, it-Tkabbir u l-Investment ambizzjuż**.

Ma nemminx li nistgħu nibnu tkabbir ekonomiku sostenibbli fuq muntanja dejjem ikbar ta' dejn - din hija l-lezzjoni li tgħallimna fil-kriżi li issa rridu nagħtu kasha. Naf ukoll tajjeb li prinċipalment huma l-kumpaniji li joħolqu l-impjegi, mhux il-gvernijiet jew l-istituzzjonijiet tal-UE. Madankollu, nemmen li nistgħu nagħmlu użu ħafna aħjar mill-baġit komuni tal-UE u mill-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni bħall-Bank Ewropew tal-Investment (BEI). Irridu nagħmlu użu minn dawn il-fondi pubbliċi disponibbli fil-livell tal-Unjoni sabiex nistimulaw l-investment privat fl-ekonomija reali. Neħtieġu investment aktar intelliġenti, iffukar aħjar, anqas regolamentazzjoni, u flessibilità akbar f'dak li jirrigwarda l-użu ta' dawn il-fondi pubbliċi. Fl-opinjoni tiegħi, dan għandu jippermetteliha li **nimmobilizzaw sa EUR 300 biljun f'investment pubbliku u privat addizzjonali fl-ekonomija reali matul it-tliet snin li ġejjin**.

Għal dan, l-ambjent tal-investment għandu jittejjeb ħafna u l-assorbiment tal-fondi jeħtieġ li jissaħħaħ. It-tnejn tal-proġetti mill-BEI u mill-Kummissjoni għandha tiġi intensifikata u mkabbrata. Proġetti ġodda, sostenibbli u li joħolqu l-impjegi li jgħinu biex terġa' tiġi stabbilita l-kompetittività tal-Ewropa jeħtieġu li jiġu identifikati u promossi. Sabiex iseħħu proġetti reali, irridu wkoll niżviluppaw strumenti finanzjarji aktar effettivi, inkluż fil-forom ta' self jew garanziji b'kapaċità akbar ta' riskju. Żieda ulterjuri fil-kapital tal-BEI għandha tiġi kkunsidrata wkoll.

L-enfasi ta' dan l-investment addizzjonali għandha tkun **fl-infrastruttura, b'mod partikolari fil-broadband u fin-netwerks tal-enerġija kif ukoll fl-infrastruttura tat-trasport fiċ-ċentri industrijali; fl-edukazzjoni, fir-riċerka u fl-innovazzjoni; u fl-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika**. Ammont sinifikanti għandu jiġi dirett lejn proġetti li jistgħu jgħinu sabiex il-ġenerazzjoni aktar żagħżugħa terġa' lura għax-xogħol f'impjegi diċenti, b'mod li jkompli jikkumplementa l-isforzi li diġà bdew bl-**Iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażgħ**, li l-implimentazzjoni tagħha trid tiġi aċċellerata u progressivament imwessgħa.

Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, skedat għal tmiem l-2016, għandu jintuża sabiex il-baġit tal-UE jiġi orjentat aktar lejn l-impjegi, it-tkabbir u l-kompetittività.

Fir-rigward tal-użu tal-baġits nazzjonali għat-tkabbir u l-investment, irridu - kif riaffermat mill-Kunsill Ewropew fis-27 ta' Ġunju 2014 - nirrispettaw il-**Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir**, filwaqt li nagħmlu l-aħjar użu possibbli mill-flessibilità li hija integrata fir-regoli eżistenti tal-Patt, kif irriforamt fl-2005 u l-2011. Beħsiebni noħroġ gwida konkreta dwar dan bħala parti mill-Pakkett tal-Impjegi, it-Tkabbir u l-Investment ambizzjuż tiegħi.

L-impjieggi, it-tkabbir u l-investiment jirritornaw lejn l-Ewropa biss jekk noħolqu **l-ambjent regolatorju t-tajeb u nippromwovu klima ta' intraprenditorija u ħolqien tal-impjieggi**. Neħtieġu li ma noħonqux l-innovazzjoni u l-kompetittività b'regolamenti preskrittivi u ddetaljami żżejjed, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-impriżi ta' daqs żgħir jew medju (SMEs). L-SMEs huma s-sinsla tal-ekonomija tagħna, u joħolqu aktar minn 85% tal-impjieggi l-ġodda fl-Ewropa u jeħtieġ li neħsiluhom mir-regolamentazzjoni li tkun ta' piż żejjed. Huwa għalhekk li beħsiebni nafda r-responsabbiltà għal regolamentazzjoni aħjar lil wieħed mill-Viċi-Presidenti fil-Kummissjoni tiegħi; u li nagħti lil dan il-Viċi-President mandat sabiex jidentifika, flimkien mal-Parlament u l-Kunsill, "burokrazija" kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali li tista' titneħħa malajr bħala parti mill-Pakkett għall-Impjieggi, it-Tkabbir u l-Investiment tiegħi.

2. Suq Uniku Diġitali Konness

Nemmen li għandna nagħmlu **użu ħafna aħjar** mill-opportunitajiet kbar offruti mit-teknoloġiji diġitali, li ma għandhomx fruntieri. Sabiex nagħmlu dan, jeħtieġ li jkollna l-kuraġġ li nkissru *s-silos* nazzjonali fir-regolamentazzjoni tat-telekomunikazzjonijiet, fil-leġiżlazzjoni tad-drittijiet tal-awtur u tal-protezzjoni tad-dejta, fil-ġestjoni tal-mewġ tar-radju u fl-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni.

Jekk nagħmlu dan, nistgħu niżguraw li ċ-ċittadini Ewropej ikunu jistgħu jużaw it-telefowns ċellulari tagħhom madwar l-Ewropa mingħajr ma jkollhom iħallsu miżati tar-roaming. Nistgħu niżguraw li l-konsumaturi jkollhom aċċess għas-servizzi, mużika, films u avvenimenti sportivi fuq l-apparat elettroniku tagħhom kull fejn ikunu fl-

Ewropa, u indipendentement mill-fruntieri. Nistgħu noħolqu kundizzjonijiet ugwali u ġusti fejn il-kumpaniji kollha li joffru l-oġġetti jew is-servizzi tagħhom fl-Unjoni Ewropea jkunu suġġetti għall-istess regoli tal-protezzjoni tad-dejta u tal-konsumatur, indipendentement minn fejn ikun ibbażat *is-server* tagħhom. **Billi noħolqu suq uniku diġitali konness, nistgħu niġġeneraw sa EUR 250 biljun fi tkabbir addizzjonali fl-Ewropa matul il-mandat tal-Kummissjoni li jmiss**, u b'hekk noħolqu mijiet ta' eluf ta' impjieggi ġodda, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ li qed ifittxu xogħol, u soċjetà dinamika bbażata fuq l-għarfien.

Sabiex niksbu dan, beħsiebni nieħu, matul l-ewwel sitt xhur tal-mandat tiegħi, **passi leġiżlattivi ambizzjużi lejn suq diġitali uniku konness**, b'mod partikolari billi nikkonkludu malajr in-negozjati dwar ir-regoli komuni Ewropej dwar il-protezzjoni tad-dejta; billi nżidu aktar ambizzjoni mar-riforma li tinsab għaddejja tar-regoli tagħna dwar it-telekomunikazzjonijiet; billi nimmodernizzaw ir-regoli tad-drittijiet tal-awtur fid-dawl tar-rivoluzzjoni diġitali u t-tibdil fil-komportament tal-konsumatur; u billi nimmodernizzaw u nissimplifikaw ir-regoli tal-konsumatur għax-xiri onlajn u diġitali. Dan għandu jimxi id f'id mal-isforzi sabiex nagħtu spinta lill-ħiliet diġitali u t-tagħlim madwar is-soċjetà u sabiex niffaċilitaw il-ħolqien ta' *start-ups* innovattivi. It-tiżni tal-użu tat-teknoloġiji diġitali u s-servizzi onlajn għandu jsir politka orizzontali, li tkopri s-setturi kollha tal-ekonomija u tas-settur pubbliku.

3. Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar it-Tibdil fil-Klima li Tħares 'il Quddiem

L-iżviluppi ġeopolitiċi kurrenti fakkruna b'mod qawwi li l-Ewropa tiddependi wisq fuq l-importazzjonijiet tal-karburant u tal-gass. Għalhekk irrid nirrifirma u nirriorganizza l-politika tal-enerġija tal-Ewropa f'**Unjoni Ewropea tal-Enerġija ġdida**. Jeħtieġ li niġbru flimkien ir-riżorsi tagħna, nikkombinaw l-infrastrutturi tagħna u ngħaqqu flimkien il-poter tan-negożjar tagħna fir-rigward ta' pajjiżi terzi. Jeħtieġ li niddiversifikaw is-sorsi tal-enerġija tagħna, u nnaqqsu d-dipendenza enerġetika għolja ta' bosta mill-Istati Membri tagħna.

Irrid li nżomm is-suq Ewropew tal-enerġija miftuħ għall-ġirien tagħna. Madankollu, **jekk il-prezz tal-enerġija mil-Lvant isir għali wisq, jew ftermini kummerċjali jew f'dawk politiċi, l-Ewropa għandha tkun kapaċi taqleb malajr ħafna lejn sorsi oħra ta' provvista**. Neħtieġu li nkunu nistgħu nreġġgħu lura l-flussi tal-enerġija meta jkun meħtieġ.

U jeħtieġ li nsaħħu s-sehem tal-enerġija li jiġġeddu fil-kontinent tagħna. Din mhijiex biss kwistjoni ta' politika responsabbli dwar it-tibdil fil-klima. Hija fl-istess ħin politika industrijali imperattiva jekk irridu li jkollna enerġija affordabbli għad-dispożizzjoni tagħna fuq terminu medju. Nemmen bil-qawwa fil-potenzjal tat-tkabbir ekoloġiku. **Għalhekk irrid li l-Unjoni Ewropea tal-Enerġija tkun fl-ewwel post fid-dinja fil-enerġija li jiġġeddu.**

Nixtieq insaħħaħ ukoll b'mod sinifikanti l-effiċjenza enerġetika lil hinn mill-obiettiv tal-2020, b'mod partikolari fdak li jirrigwarda l-binjiet, u jien favur mira vinkolanti ambizzjuża għal dan il-għan li jkompli l-perkors kurrenti tal-effiċjenza enerġetika. Irrid li l-Unjoni Ewropea tkun fuq quddiem fil-ġlieda kontra t-tiżnin globali qabel il-laqqgħa ta' Pariġi tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2015 u wara dan skont l-obiettiv li ż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal massimu ta' żewġ gradi Celsius ogħla mil-livelli preindustrijali. Dan huwa dmir tagħna lejn il-ġenerazzjonijiet futuri.

4. Suq Intern Aktar Profond u Ġust b'Bażi Industrijali Msaħħa

Is-suq intern tagħna huwa l-aqwa assi tal-Ewropa fi żminijiet ta' globalizzazzjoni dejjem akbar. Għalhekk, irrid li l-Kummissjoni Ewropea li jmiss tibni fuq is-saħħa tas-suq uniku tagħna u tagħmel użu sħiħ mill-potenzjal tiegħu fid-dimensjonijiet kollha tiegħu. Jeħtieġ li nlestu s-suq intern fil-prodotti u s-servizzi u nagħmluh il-punt tat-tluq tagħna għall-kumpaniji u l-industrija tagħna sabiex jirnexxu fl-ekonomija globali, ukoll f'dak li jirrigwarda l-prodotti agrikoli.

Nemmen bil-qawwa li neħtieġu li nżommu u nsaħħu bażi industrijali b'saħħitha u ta' prestazzjoni għolja għas-suq intern tagħna, għaliex inkunu inġenwi jekk naħsbu li t-tkabbir fl-Ewropa jista' jinbena fuq il-bażi tas-servizzi biss. **Jeħtieġ li nġibu l-piż tal-industrija fil-PDG tal-UE lura għal 20% sal-2020, mil-livell ta' anqas minn 16% ta' illum.** Dan għandu jiżgura li l-Ewropa żżomm il-pożizzjoni ewlenija tagħna f'setturi strateġiċi b'impjiegi ta' valur għoli bħal fl-industriji awtomottivi, tal-eronawtika, l-inġinerija, l-ispazju, il-kimiki u l-farmaċewtiċi. Sabiex niksbu dan, jeħtieġ li nistimulaw

l-investiment f'teknoloġiji ġodda, intejbu l-ambjent tan-negożju, inħaffu l-aċċess għas-wisq u għall-finanzi, b'mod partikolari għall-SMEs, u niżguraw li l-ħaddiema jkollhom

il-ħiliet li teħtieġ l-industrija.

Prijorit  oħra hija li nkomplu nsewwu l-problemi tas-settur bankarju tagħna u nistimulaw l-investment privat. Jien appoġġajt bis-sħiħ l-iżvilupp ta' **kontrolli aktar stretti fuq il-banek** permezz tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u l-Mekkaniżmu Uniku tar-Riżoluzzjoni b'Fond Uniku tar-Riżoluzzjoni li se jinbena b'mod progressiv. Il-Kummissjoni tiegħi se tkun attiva u viġilanti sabiex tiżgura li nimplimentaw ir-regoli l- ġodda superviżorji u tar-riżoluzzjoni b'mod sħiħ, u nagħmlu l-banek Ewropej aktar robusti sabiex ikunu jistgħu jerġġu jibdew jisilfu lill-ekonomija reali.

Maż-żmien, nemmen li għandna nikkumplimentaw ir-regoli Ewropej ġodda għall-banek b'**Unjoni tas-Swieq Kapitali**. Sabiex intejbu l-finanzjament tal-ekonomija tagħna, għandna nkomplu niżviluppaw u nintegraw is-swieq kapitali. Dan inaqqas il-kost tal-akkwist tal-kapital, b'mod partikolari għall-SMEs, u jgħin fit-tnaqqis tad-dipendenza għolja tagħna fuq il-finanzjament mill-banek. Dan jagħmel lill-Ewropa wkoll aktar attraenti bħala post fejn wieħed jinvesti.

I-moviment ħieles tal-ħaddiema dejjem kien wieħed mill-pilastri ewlenin tas-suq intern, li jien se niddefendi, filwaqt li naċċetta d-dritt tal-awtoritajiet nazzjonali li jiġġieldu kontra l- abbużi jew il-pretensjonijiet frodilent. Nemmen li għandna naraw il-moviment ħieles bħala opportunit  ekonomika, u mhux bħala theddida. Għalhekk għandna nipromwovu l-**mobilit  tal-ħaddiema**, b'mod partikolari f'oqsma bi spariġġi persistenti bejn il-postijiet vakanti u l-ħiliet disponibbli. Fl-istess ħin, se niżgura li d- **Direttiva dwar il-Postazzjoni tal-ħaddiema** tiġi implimentata b'mod strett, u se nagħti bidu għal analiżi mmirata ta' din id-Direttiva sabiex niżgura li d- *dumping* soċjali ma jkollux post fl-Unjoni Ewropea. **Fl-Unjoni tagħna, l-istess xogħol fl-istess post tax-xogħol għandu jkun rimunerat bl-istess mod.**

Neħtieġu aktar ġustizzja fis-suq intern tagħna. Filwaqt li nirrikonoxxi l-kompetenza tallstati Membri għas-sistemi tat-taxxa tagħhom, għandna nsaħħu l-isforzi tagħna sabiex **niġġieldu l-evazzjoni tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa**, sabiex il-kontributori kollha jħallsu s-sehem ġust tagħhom. B'mod partikolari, beħsiebni nkompli għaddej bil- kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u naħdem favur l-adozzjoni fil-livell tal-UE ta' Bażi tat-Taxxa Korporattiva Komuni Kkonsolidata u Taxxa fuq it- Tranżazzjonijiet Finanzjarji. Ir-regoli msaħħa proposti tal-Unjoni kontra l-**ħasil tal-flus** għandhom jiġu adottati malajr, u b'kontenut ambizzjuż, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-identifikazzjoni tas-sidien benefiċjarji u t-titjib tad-diliġenza dovuta tal- konsumatur.

5. Unjoni Ekonomika u Monetarja Aktar Profonda u Aktar Ġusta

Matul il-ħames snin li ġejjin, nixtieq inkompli bir-riforma tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tagħna sabiex nippreservaw l-istabilit  tal-munita unika tagħna u nsaħħu l-konverġenza tal-politiki ekonomiċi, fiskali u tas-suq tax-xogħol bejn l-Istati Membri li jaqsmu munita komuni. Se nagħmel dan fuq il-baġi tar-*"Rapporti tal-Erba' Presidenti"* u l-Pjan tal-Kummissjoni għal Unjoni Ekonomika u Monetarja Profonda u Ġenwina, u dejjem bid-dimensjoni soċjali tal-UE f'moħħi.

Il-kriżi tinsab biss f'pawża. Jeħtieġ li nagħmlu użu minn din il-pawża sabiex nikkonsolidaw u nikkumplimentaw il-miżuri bla preċedent li ħadna matul il-kriżi, nissimplifikawhom u nagħmluhom aktar soċjalment leġittimi. L-istabilit  tal-munita unika tagħna u s-solidit  tal-finanzi pubbliċi huma importanti għalija daqs il-ġustizzja

soċjali fl-implimentazzjoni tar-riformi strutturali neċessarji.

Nixtieq inniedi **inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi sabiex napprofondixxu l-Unjoni Ekonomika u Monetarja** tagħna matul l-ewwel sena tal-mandat tiegħi. Dawn jinkludu eżami orjentat fuq l-istabilità tal-leġiżlazzjoni tal-"pakkett ta' sitta" u tal-"pakkett ta' tnejn" (kif previst f'din il-leġiżlazzjoni); proposti sabiex ninkoraġġixxu aktar riformi strutturali, jekk meħtieġ permezz ta' inċentivi finanzjarji addizzjonali u kapacià fiskali mmirata fil-livell taż-Żona tal-Ewro; u proposta għal rappreżentazzjoni esterna aktar effiċjenti tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tagħna.

Fuq terminu medju, nemmen li jeħtieġ li nirribilanċjaw il-mod li bih nagħtu appoġġ kundizzjonali għall-istabilità lill-pajjiżi taż-Żona tal-Ewro li jkunu f'diffikultà. Fil-futur, jeħtieġ li nissostitwixxu t-"**troika**" bi struttura aktar demokratikament leġittima u *accountable*, ibbażata fuq istituzzjonijiet Ewropej b'kontroll parlamentari miżjud kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. Nipproponi wkoll li, fil-futur, kull programm ta' appoġġ u riforma jgħaddi mhux biss minn valutazzjoni fiskali u tas-sostenibilità; iżda wkoll minn **valutazzjoni tal-impatt soċjali**. L-effetti soċjali tar-riformi strutturali jeħtieġ li jiġu diskussi fil-pubbliku u l-ġlieda kontra l-faqar trid tkun prijorità. Nemmen bis-sħiħ fl-ekonomija *soċjali* tas-suq. Mhuwiex kompatibbli mal-ekonomija soċjali tas-suq li matul kriżi, is-sidien tal-bastimenti u l-ispekulaturi jkomplu jistgħanew, filwaqt li l-pensjonanti ma jkunux jistgħu jmantnu lillhom infushom aktar.

6. Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Raġonevoli u Bilanċjat mal-Istati Uniti

Matul il-presidenza tiegħi, il-Kummissjoni se tinneozja ftehim ta' kummerċ ħieles raġonevoli u bilanċjat mal-Istati Uniti tal-Amerika, fl-ispirtu tal-benefiċċji reċiproċi u t-trasparenza. Huwa anakronistiku li, fis-Seklu 21, l-Ewropej u l-Amerikani għandhom jimponu d-**dazji doganali** fuq il-prodotti ta' xulxin. Dawn għandhom jiġu aboliti malajr u b'mod sħiħ. Nemmen ukoll li nistgħu mmorru pass aktar 'il bogħod u nirrikonoxxu l-**istandards tal-prodotti** ta' xulxin jew naħdmu favur *standards* tranżatlantiċi.

Madankollu, bħala l-President tal-Kummissjoni se nkun ukoll ċar ħafna li **m'iniex se nissagrafika l-istandards tas-sikurezza, tas-saħħa, dawk soċjali u tal-protezzjoni tad-dejta tal-Ewropa jew id-diversità kulturali tagħna fuq l-altar tal-kummerċ ħieles**. B'mod partikolari, is-sikurezza tal-ikel li nieklu u l-protezzjoni tad-dejta personali tal-Ewropej mhumiex se jkunu negozjabbli għalija bħala President tal-Kummissjoni. Lanqas ma jien se naċċetta li l-ġuriżdiżjoni tal-qrati fl-Istati Membri tal-UE tiġi limitata minn reġimi speċjali għat-tilwim tal-investituri. L-istat tad-dritt u l-prinċipju tal-ugwaljanza quddiem il-liġi jridu japplikaw f'dan il-kuntest ukoll.

Se ninsisti fuq **trasparenza msaħħa lejn iċ-ċittadini u l-Parlament Ewropew** - li ,skont it-Trattati tal-UE, se jkollu l-aħħar kelma dwar il-konklużjoni tal-ftehim - matul il-passi kollha tan-negozjati.

7. Żona ta' Ġustizzja u Drittijiet Fundamentali Bbażata fuq il-Fiduċja Reċiproka

L-Unjoni Ewropea tagħna hija aktar minn suq komuni kbir. Hija wkoll **Unjoni ta' valuri kondiviżi**, li huma deskritti fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Iċ-ċittadini jistennew lill-gvernijiet tagħhom jipprovdu ġustizzja, u protezzjoni b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt. Dan jitlob ukoll azzjoni Ewropea

konġunta, ibbażata fuq il-valuri kondiviżi tagħna.

Beħsiebni nagħmel użu mill-prerogattivi tal-Kummissjoni sabiex insostni, fil-qasam ta' kompetenza tagħna, il-valuri kondiviżi tagħna, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, filwaqt li nqis kif xieraq id-diversità tat-tradizzjonijiet kostituzzjonali u kulturali tat-28 Stat Membru. Beħsiebni nafda **Kummissarju b'responsabbiltajiet speċifiċi għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt**. Dan il-Kummissarju jkollu wkoll ir-responsabbiltà li jikkonkludi **l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**, li huwa obbligu skont it-Trattat tal-UE.

Id-diskriminazzjoni ma għandu jkollha l-ebda post fl-Unjoni tagħna, kemm jekk fuq bażi ta' nazzjonalità, sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, jew fir-rigward ta' persuni li jiffurmaw parti minn minoranza. Għalhekk se nżomm il-proposta għal direttiva f'dan il-qasam u se nfittex li nikkonvinċi lill-gvernijiet nazzjonali sabiex ineħħu r-reżistenza li għandhom bħalissa fil-Kunsill.

Il-protezzjoni tad-dejta hija dritt fundamentali ta' importanza partikolari fl-era diġitali. Minbarra l-iffinalizzar rapidu tal-ħidma leġiżlattiva dwar regoli komuni tal-protezzjoni tad-dejta fl-Unjoni Ewropea, jeħtieġ ukoll li nsostnu dan id-dritt fir-relazzjonijiet internazzjonali tagħna. Fid-dawl tar-rivelazzjonijiet riċenti ta' sorveljanza tal-massa, sħab mill-qrib bħall-Istati Uniti jridu jikkonvinċuna li l-arranġamenti kurrenti ta' sfera ta' sikurezza huma tassew sikuri jekk iriduhom li jkomplu. L-Istati Uniti jridu jggarantixxu wkoll li ċ-ċittadini kollha tal-UE jkollhom id-dritt li jinfurzaw id-drittijiet tal-protezzjoni tad-dejta fil-qrati tal-Istati Uniti, kemm jekk huma residenti fit-territorju tal-Istati Uniti kif ukoll jekk mhumiex. Dan se jkun essenzjali sabiex terġa' tiġi stabbilita mill-ġdid l-fiduċja fir-relazzjonijiet tranżatlantiċi.

Il-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu transfruntieri hija responsabbiltà komuni Ewropea. Jeħtieġ li nadottaw azzjoni qawwija kontra l-kriminalità organizzata, bħat-traffikar tal-bnedmin, il-kuntrabandu u ċ-ċiberkriminalità. Irridu nieħdu azzjoni dwar il-korruzzjoni; u rridu niġġieldu kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni - filwaqt li niggarrantixxu d-drittijiet u l-valuri fundamentali, inklużi d-drittijiet proċedurali u l-protezzjoni tad-dejta personali.

Billi ċ-ċittadini qegħdin dejjem aktar jistudjaw, jaħdmu, iwettqu attivitajiet ta' negozju, jiżżewġu u jkollhom it-tfal madwar l-Unjoni, **il-kooperazzjoni ġudizzarja bejn l-Istati Membri** trid tittejjeb pass pass: billi nibnu pontijiet bejn is-sistemi differenti tal-ġustizzja, billi nsaħħu l-għodod komuni bħall-Eurojust; billi nagħmlu progress fuq għodod ġodda bħall-Uffiċċju tal-Prosekutur Ewropew li huwa mfassal sabiex jindirizza l-frodi kriminali li tagħmel ħsara lill-baġit tal-UE; u permezz ta' rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi, sabiex iċ-ċittadini u l-kumpaniji jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod aktar faċli d-drittijiet tagħhom madwar l-Unjoni.

8. Lejn Politika Ġdida dwar il-Migrazzjoni

L-avvenimenti terribli riċenti fil-Mediterran urewna li l-Ewropa teħtieġ li timmaniġġa l-migrazzjoni aħjar, fl-aspetti kollha tagħha. Dan huwa l-ewwel nett imperattiv umanitarju. Ninsab konvint li rridu naħdmu flimkien mill-qrib **fi spirtu ta' solidarjeta** sabiex niżguraw li sitwazzjonijiet bħal dik ta' Lampedusa ma jerġgħu qatt isefħu.

Fuq il-bażi tal-valuri kondiviżi tagħna, jeħtieġ li niproteġu lil dawk li jinsabu fil-bżonn permezz ta' **politika komuni tal-ażil**. Is-sistema komuni tal-ażil li għadu kif intlaħaq qbil dwarha trid tiġi implimentata b'mod sħiħ, u d-diverġenzi fl-implimentazzjoni nazzjonali jridu jitneħħew. Għandi wkoll l-intenzjoni li nesplora l-possibilità li nużaw l-Uffiċċju Ewropew tal-Appoġġ tal-Ażil sabiex ngħinu lill-pajjiżi terzi u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jlaħħqu mar-refuġjati u mat-talbiet tal-ażil f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, fejn xieraq fil-post f'pajjiżi terzi li jkun ikkonċernat b'mod partikolari.

Nixtieq nipromwovi **politika Ewropea ġdida dwar il-migrazzjoni legali**. Din il-politika tista' tgħinna nindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet speċifiċi u niġbdu t-talent sabiex inlaħħqu aħjar mal-isfidi demografiċi tal-Unjoni Ewropea. Irrid li l-Ewropa ssir għallinqas attraenti daqs id-destinazzjonijiet favoriti tal-migrazzjoni bħall-Awstralja, il-Kanada u l-Istati Uniti. Bħala l-ewwel pass, beħsiebni nagħmel rieżami tal-leġislazzjoni tal-"Blue Card" u l-istat mhux sodisfaċenti ta' implimentazzjoni tagħna.

Nemmen ukoll li jeħtieġ li nindirizzaw b'mod aktar robust il-**migrazzjoni irregolari**, b'mod partikolari permezz ta' kooperazzjoni aħjar ma' pajjiżi terzi, inkluż dwar ir-riammissjoni.

Se nafda **Kummissarju bir-responsabbiltà speċjali għall-Migrazzjoni** sabiex jaħdem fuq dan flimkien mal-Istati Membri kollha u l-pajjiżi terzi l-aktar ikkonċernati.

L-aħħar iżda mhux l-aqas, jeħtieġ li **naraw li l-Ewropa jkollha fruntieri sikuri**. Il-politiki komuni tal-ażil u l-migrazzjoni tagħna se jiffunzjonaw biss jekk inkunu nistgħu nwaqqfu influż bla kontroll ta' migranti illegali. Għalhekk, jeħtieġ li nżidu l-kapaċitajiet operattivi tal-aġenzija Ewropea tal-fruntieri FRONTEX. Baġit ta' biss EUR 90 miljun f'sena żgur li mhuwiex biżżejjed għall-ħidma meħtieġa sabiex niproteġu l-fruntieri komuni tal-Ewropa. Jeħtieġ li ngħaqqdu flimkien aktar riżorsi fost l-Istati Membri sabiex insaħħu l-ħidma tal-FRONTEX u nistabbilixxu Timijiet ta' Gwardji tal-Fruntieri Ewropej biex jintbagħtu b'mod rapidu f'operazzjonijiet konġunti tal-FRONTEX u interventi rapidi fuq il-fruntieri. Din hija r-responsabbiltà konġunta tal-Istati Membri kollha, tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar, li jeħtieġ li tintrefa' fi spirtu ta' solidarjetà.

Irridu wkoll napplikaw u ninfurzaw b'mod rigoruż ir-regoli komuni Ewropej il-ġodda tagħna sabiex nippenalizzaw **it-traffikanti tal-bnedmin**. Il-kriminali li jisfruttaw it-tbatija u l-ħtiġijiet ta' nies li jkunu jinsabu fid-diffikultà jew li jkunu qed ibatu minn persekuzzjoni jeħtieġu li jkunu jafu li l-Ewropa tinsab għassa u se tressaqhom quddiem il-ġustizzja f'kull okkażjoni.

9. Attur Globali Aktar B'Saħħtu

Neħtieġu Ewropa aktar b'saħħitha f'dak li jirrigwarda l-politika barranija. Il-kriżi tal-Ukraina u s-sitwazzjoni preokkupanti fil-Lvant Nofsani turi kemm huwa importanti li l-Ewropa tkun magħquda esternament. Għad hemm ħafna xi jsir.

Nemmen li ma nistgħux inkunu sodisfatti b'kif qegħda taħdem il-politika barranija komuni tagħna bħalissa. Neħtieġu li jkollna mekkaniżmi aħjar sabiex nantiċipaw b'mod bikri dak li jkun se jiġri u nidentifikaw malajr risposti komuni. Jeħtieġ li nkunu aktar effettivi f'li ngħibu flimkien l-għodod tal-azzjoni esterna tal-Ewropa. Il-politika tal-kummerċ l-għajjnuna għall-iżvilupp, il-parteciċipazzjoni tagħna fl-istituzzjonijiet

finanzjarji internazzjonali u l-politika tal-viċinat tagħna jridu jiġu kkombinati u attivati skont loġika waħda.

Ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà tal-Ewropa li jmiss irid ikun attur b'saħħtu u ta' esperjenza sabiex jgħaqqad flimkien l-għodod nazzjonali u Ewropej, u l-għodod kollha disponibbli fil-Kummissjoni, b'mod aktar effettiv milli fil-passat. Hu jew hi jridu jaġixxu b'mod konġunt mal-Kummissarji Ewropej tagħna għall-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Għajnuna Umanitarja kif ukoll għall-Politika tal-Viċinat. Dan se jitlob li r-Rappreżentant Għoli jwettaq b'mod aktar sħiħ ir-rwol tiegħu fil-Kulleġġ tal-Kummissarji. Sabiex dan ikun possibbli, beħsiebni nafda Kummissarji oħra tar-relazzjonijiet esterni bir-rwol li **jiddeputizzaw għar-Rappreżentant Għoli** kemm fil-ħidma tal-Kulleġġ kif ukoll fix-xena internazzjonali.

Nemmen ukoll li jeħtieġ li naħdmu fuq Ewropa aktar b'saħħitha f'dak li jirrigwarda **l-akkwistazzjoni tas-sigurtà u d-difiża**. Iva, l-Ewropa hija fil-biċċa l-kbira "setgħa ta' perswazzjoni". Iżda saħansitra l-aktar setgħat ta' perswazzjoni b'saħħithom fl-aħħar mill-aħħar ma jistgħux jgħaddu mingħajr xi kapaċitajiet integrati ta' difiża. It-Trattat ta' Lisbona jipprovdi għall-possibilità li daww l-Istati Membri li jixtiequ jistgħu jgħaqqdu flimkien il-kapaċitajiet tad-difiża tagħhom fil-forma ta' kooperazzjoni strutturata permanenti. Dan ifisser li daww l-Istati Membri li jixtiequ jistgħu jieħdu sehem f'missjonijiet konġunti tal-UE f'żoni ta' kriżi jekk meħtieġ, kif kien ikun neċessarju mill-bidu fil-Mali jew fis-Sudan t'Isfel. L-Istati Membri għandhom ukoll joħolqu aktar sinerġiji fl-akkwisti tad-difiża. Fi żmien ta' riżorsi skarsi, irridu nlaqqgħu l-ambizzjonijiet mar-riżorsi sabiex nevitaw id-duplikazzjoni tal-programmi. Aktar minn 80% tal-investment fit-tagħmir tad-difiża illum għadu qed jintefaq b'mod nazzjonali fl-UE. Aktar kooperazzjoni fl-akkwisti tad-difiża hija għalhekk is-sejña tal-ġurnata, anki sempliċiment għal raġunijiet fiskali.

F'dak li jirrigwarda **t-tkabbir**, nirrikonoxxi b'mod sħiħ li dan kien suċċess storiku li ġab il-paċi u l-istabilità għall-kontinent tagħna. Madankollu, l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħna issa jeħtieġu li jiddeġerixxu ż-żieda ta' 13-il Stat Membru f'dawn l-aħħar 10 snin. L-UE teħtieġ li tiegħu pawża mit-tkabbir sabiex inkunu nistgħu nikkonsolidaw dak li nkiseb fost it-28. Huwa għalhekk li, waqt il-Presidenza tiegħi tal-Kummissjoni, in-negozjati li jinsabu għaddejnin se jkomplu, u b'mod partikolari l-Balkani tal-Punent se jkunu jeħtieġu li jżommu perspettiva Ewropea, iżda **mhuwiex se jsir aktar tkabbir matul il-ħames snin li ġejjin**. Ma' pajjiżi fil-viċinat tal-Lvant tagħna, bħall-Moldova u l-Ukraina, jeħtieġ li nżidu l-kooperazzjoni mill-qrib, l-assoċjazzjoni u s-sħubija sabiex inkomplu nsaħħu r-rabtiet ekonomiċi u politiċi tagħna.

10. Unjoni ta' Tibdil Demokratiku

Il-proposta u l-elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni Ewropea fid-dawl tar-riżultat tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew huwa ċertament importanti, iżda huwa biss l-ewwel pass sabiex l-Unjoni Ewropea ssir aktar demokratika. Il-Kummissjoni Ewropea taħt it-tmexxija tiegħi se tkun impenjata li timla b'ħajja ġdida lis-sħubija speċjali mal-Parlament Ewropew, kif stabbilita fil-Ftehim ta' Qafas tal-2010. **Irrid li magħkom ikolli djalogu politiku, u mhux wieħed teknokratiku**. Beħsiebni li nibgħat rappreżentanti politiċi għal negożjati importanti tat-trilogu u nistenna li l-Kunsill jagħmel l-istess.

Jien impenjat ukoll li nsaħħaħ **it-trasparenza f'dak li jirrigwarda l-kuntatt mal-partijiet ikkonċernati u mal-/obby/sړs**. Iċ-ċittadini tagħna għandhom id-dritt li jkunu jafu ma' min il-Kummissarji u l-persunal tal-Kummissjoni, il-Membri tal-Parlament Ewropew jew ir-rappreżentanti tal-Kunsill jiltaqgħu fil-kuntest tal-proċess leġislattiv. Għalhekk se nipproponi Ftehim Interistituzzjonali lill-Parlament u lill-Kunsill sabiex noħolqu reġistru obligatorju *tal-/obbyists* li jkopri t-tliet istituzzjonijiet. Il-Kummissjoni se tmexxi bl-eżempju f'dan il-proċess.

Beħsiebni wkoll nirrieżamina **l-leġiżlazzjoni applikabbli għall-awtorizzazzjoni tal-Organiżmi Ġenetikament Modifikati**. Għalija, sempliċiment mhuwiex tajjeb li skont ir-regoli kurrenti, il-Kummissjoni hija legalment obligata li tawtorizza organiżmi ġodda għall-importazzjoni u l-ipproċessar ukoll jekk maġġoranza ċara tal-Istati Membri huma kontra. Il-Kummissjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tagħti lill-fehma tal-maġġoranza tal-gvernijiet eletti demokratikament għallinqas l-istess piż li tagħti lill-pariri xjentifiċi, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda s-sikurezza tal-ikel li nieklu u l-ambjent li ngħixu fih.

Ir-relazzjoni mal-**Parlamenti nazzjonali** hija ta' importanza kbira għalija, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-infurzar tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Se nesplora modi kif intejbu l-interazzjoni mal-Parlamenti nazzjonali bħala mod kif ingħibu l-Unjoni Ewropea aktar qrib taċ-ċittadini.

Jekk niġi elett President tal-Kummissjoni, l-Aġenda tiegħi għall-Impjiegi, it-Tkabbir, il-Ġustizzja u t-Tibdil Demokratiku tkun il-punt tat-tluq għall-ipprogrammar annwali u pluriennali tal-Unjoni. Għal dan, se nkunu nistgħu wkoll nużaw l-^MAġenda Strateġika għall-Unjoni fi "Żminijiet ta' Tibdil", adottata mill-Kunsill Ewropew fis-27 ta' Ġunju 2014, u l-orjentazzjonijiet li se jiġu mogħtija mill-Parlament Ewropew fix-xhur li ġejjin.

Nemmen li l-aġenda tal-politika tal-Ewropa trid tiġi fformata fi sħubija mill-qrib bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew, u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri. **Il-prijoritizzazzjoni politika bħala l-bażi għal Unjoni aħjar u aktar iffukata se taħdem biss jekk issir fi sħubija bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri, skont il-metodu Komunitarju.**

Ir-rwol tal-President tal-Kummissjoni huwa li jiddefendi l-interess ġenerali Ewropew. Dan jinvolvi li jaħdem ma' kulħadd - kemm jekk huwa fl-ewro kif ukoll jekk mhuwiex, kemm jekk huwa fil-ftehim ta' Schengen kif ukoll jekk huwa barra minnu, kemm jekk jappoġġa aktar integrazzjoni kif ukoll jekk le. Il-konvinzjoni soda tiegħi hija li rridu nimxu 'l quddiem bħala Unjoni. **Mhux bilfors għandna nimxu 'l quddiem bl-istess pass** - it-Trattati jipprovdu għal dan u rajna li nistgħu naħdmu b'arranġamenti differenti. Dawk li jridu jimxu aktar 'il bogħod u b'pass aktar mgħaġġel, għandhom ikunu jistgħu jagħmlu dan. Dan huwa partikolarment importanti fiż-Żona tal-Ewro, fejn jeħtieġ li nkomplu nsaħħu l-pedamenti tal-ewro permezz ta' integrazzjoni aktar profonda. U dan għandu jsir b'tali mod li nippreservaw l-integrità tas-suq uniku u nipproteġu d-drittijiet ta' dawk li huma barra miż-Żona tal-Ewro. Bħal f'kull familja, se jkun hemm tensjonijiet u nuqqas ta' qbil minn żmien għal żmien. Għamiltha ċara matul il-kampanja tiegħi li lest li nisma' l-fehmiet tal-Istati Membri kollha u ngħin sabiex jinstabu soluzzjonijiet.

Beħsiebni niffoka mill-ġdid il-ħidma tal-Kummissjoni l-ġdida fuq il-bażi tal-Aġenda tiegħi għall-Impjiegi, it-Tkabbir, il-Ġustizzja u t-Tibdil Demokratiku u l-10 prijoritajiet tagħha. Bieħsiebni norganizza l-Kummissjoni l-ġdida b'mod li jirrifletti dawn l-10 oqsma ta' prijorità u li jiżgura riżultati rapidi u effettivi fihom kollha.

Se nagħmel dak kollu li nista' sabiex niżgura **bilanċ bejn is-sessi fl-għażla tal-persunal għoli tal-Kummissjoni, kemm fil-livell politiku, kif ukoll fil-livell amministrattiv**. Il-bilanċ bejn is-sessi mhuwiex lussu, imma huwa imperattiv politiku u għandu jkun ovvj u għal kulħadd, inkluż għall-mexxejja fil-kapitali kollha tal-Istati Membri tagħna f'dak li jirrigwarda l-proposta tagħhom għall-għażla tal-membri tal-Kummissjoni li jmiss. Dan fih innifsu huwa test għall-impenn tal-gvernijiet tal-Istati Membri favur approċċ ġdid, aktar demokratiku fi żminijiet ta' bidla.

Fuq il-bażi tal-Aġenda tiegħi għall-Impjiegi, it-Tkabbir, il-Ġustizzja u t-Tibdil Demokratiku u l-10 prijoritajiet tagħha, illum qiegħed nippreżenta ruħi sabiex niġi elett mill-Parlament Ewropew. Aktar ma tkun kbira l-maġġoranza li tappoġġa lili u lill-aġenda tiegħi illum, aktar ikolli saħħha jien u niffirma l-Kummissjoni li jmiss, u aktar inkun nista' nagħti r-riżultati b'mod effettiv dwar din l-aġenda.

"Din id-darba differenti" kien il-motto tal-Parlament Ewropew għall-kampanja elettorali. Ejjew nuru flimkien li nistgħu nagħmlu din il-wegħda realtà. Li flimkien aħna kapaċi li tassew inbiddu u nġeddu l-Ewropa. U li se naħdmu flimkien sabiex nerġġu niksbu l-fiduċja taċ-ċittadini fil-proġett Ewropew. Se nagħmel ħilti kollha sabiex nagħmel din id-differenza.



Jean-Claude Juncker

Bidu ġdid għall-Ewropa

Diskors tal-ftuħ fis-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew

Strasburgu, 15 ta' Lulju 2014



Fil-25 ta' Mejju, iċ-ċittadini Ewropej kellmuna. Huma bagħtulna messaġġi qawwija, anki jekk xi kultant kontradittorji. Illum, u matul is-snin li ġejjin, jeħtieġ inweġbuhom. Inwieġu l-aspettattivi tagħhom, il-biżgħat tagħhom, it-tamiet tagħhom, il-ħolm tagħhom; għaliex fl-Ewropa, hemm post għall-ħolm. Huwa hawnhekk stess, fil-Parlament Ewropew, il-post fil-quċċata tad-demokrazija Ewropea, li jien se nippreżenta l-orjentazzjonijiet ġenerali li se jkunu fuq quddiem fil-ħidmiet u fl-azzjoni tal-Kummissjoni l-ġdida. Se nitkellem fuq l-orjentazzjonijiet ġenerali - l-orjentazzjonijiet miġbura fil-qosor - li jien wassalt bil-miktub, fil-lingwi kollha uffiċjali, peress li l-lingwi kollha għandhom l-istess dinjità. U nixtieq niringrazzja lit-tradutturi li għaddew lejli imqajma minħabba t-test li jiena lestejt ilbieraħ filgħaxija. Il-programm dettaljat tal-Kummissjoni se jkun xogħol il-kulleġġ tal-kummissarji li jkun imiss lilkom li tillegġimizzawh bil-vot awtonomu tagħkom.

Il-Parlament, li għadu kif beda l-mandat tiegħu, huwa Parlament differenti minn dawk ta' qablu. Intom l-ewwel Parlament li se teleġġu, fis-sens sħiħ tal-kelma, il-President tal-Kummissjoni. Se teleġġuh fi spirtu ġdid. L-għada tal-elezzjonijiet, intom insistejtu fuq il-ħtieġa li jridu jiġu kkunsidrati r-riżultati, li ġew bis-saħħa tad-dritt tal-vot għal kulħadd. Meta għamiltu hekk, intom tajtu sens tassew għat-tifsira demokratika u politika tal-Artikolu 17(7) tat-Trattat ta' Liżbona. Mingħajr l-insistenza tagħkom u mingħajr l-argumenti tagħkom, dan l-artikolu seta' baqa' bla effett għal dejjem. Intom iddefendejtu l-prinċipju demokratiku, u intom għandkom raġuni għaliex tagħmlu dan. Parlament li jimponi l-osservazzjoni tal-prinċipju demokratiku jkun qed jagħmel biċċa xogħol nobbli u la jixraqqu minn jikkritikah bl-aħrax u b'mod inġust, u lanqas li jiġu attribwiti lilu finijiet ħżiena. Irrid nagħti wkoll ġieħ lill-kandidati l-oħra fil-quċċata tal-lista li taw doża qawwija ta' vivaċità lid-dibattitu demokratiku tagħna. Kieku l-familja politika ta' xi wieħed fosthom rebħet il-votazzjoni, kont inkun l-ewwel wieħed li nitlob li din l-assemblea tagħti l-mandat lilu għat-tiswir tal-Kummissjoni li jmiss.

Il-Parlament u l-Kummissjoni huma żewġ istituzzjonijiet komunitarji par excellence. Għaldaqstant, hija naħa mill-aktar normali li l-President tal-Kummissjoni u dak tal-Parlament, fuq naħa, u l-Parlament u l-Kummissjoni min-naħa l-oħra, jindukraw relazzjonijiet privileġġati ta' fidma. Aħna sejrin inkunu atturi komunitarji, mhux kontra l-Kunsill Ewropew jew kontra l-Kunsill tal-Ministri. L-Ewropa mhux se tissawwar kontra l-Istati u lanqas kontra n-nazzjonijiet, li mhumiex xi invenzjoni temporanja tal-istorja iżda li qegħdin hemm biex jibqgħu. Aħna, il-Parlament u l-Kummissjoni, se naġixxu fl-interess ġenerali u jien nixtieq li dan nagħmluh flimkien.

Il-Kunsill Ewropew jipproponi l-President tal-Kummissjoni. Iżda ma jfissirx li dan ikun is-segretarju tiegħu. Il-Kummissjoni mhix kumitat tekniku magħmul minn funzjonarji għolja brillanti taħt l-ordnijiet ta' xi istituzzjonijiet oħra. Il-Kummissjoni hija politika. U jien irridha tkun aktar politika. Hija se tkun politika ħafna. L-għamla tagħha għandha tirrifletti l-pluralità tal-maġġoranza tal-ideat li qed jiġu fformati. Nixtieq li l-Kunsill Ewropew, meta jkun qed ifassal l-istruttura interna tiegħu, ikun ispirat minn dan l-istess prinċipju.

Il-President tal-Kummissjoni huwa elett mill-assemblea tagħkom. Imma dan ma jfissirx li huwa jirċievi l-ordnijiet. Jien mhux se nkun l-ajjutant tal-Parlament Ewropew. Imma ara li ma jkollkom qatt xi dubju mir-rieda tiegħi li nneħħi xi kummissarji li intom tkunu neħhejtulu l-fiduċja tagħkom, u lanqas tar-rieda tiegħi li nieħu azzjoni fuq prinċipju meta intom titolbuni nagħmel hekk.

Barra minn dan, id-dritt li tagħmlu d-domandi qatt mhu se jiġi mminat. Se jibqa' kif inhu.

Se nitlob lill-kummissarji li jkunu preżenti aktar spiss fil-mumentu kruċjali ta' trijalogu importanti u nixtieq li l-Kunsill jagħmel l-istess. Nara kif nagħmel biex ir-reġistru tal-lobbisti jsir pubbliku u obbligatorju. Nixtieq li l-Ewropej ikunu jafu min kellem lil min, u nixtieq li l-istituzzjonijiet l-oħra jagħmlu bħalna f'dan il-qasam.

Nara kif nagħmel biex ir-regoli ta' proċedura rigward id-diversi awtorizzazzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-GMOs jiġu rieżaminati. Jien ma nixtieqx li l-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi f'każ li maġġoranza ta' Stati Membri ma tkunx ħeġġitha.

B'mod ġenerali, nirrinunċjaw għad-dibattiti ideoloġiċi li ma għandhom l-ebda skop ħlief dak li jkabbru l-firdiet. Minflok, nagħmlu dibattiti pożittivi li jistrieħu fuq il-konvinzjonijiet qawwija u fuq ambizzjonijiet li jwasslu fil-bogħod. Nagħżlu l-prammatiżmu bħala metodu. Nikkonċentraw l-attenzjoni tagħna fuq kisbiet konkreti li jwasslu għal effetti pożittivi għall-Ewropej kollha. Ejja ma nitilfux il-paċenzja ta' dawk li jsegwuna b'dibattiti istituzzjonali li jbiegħduna mill-essenzjali, jiġifieri, miċ-ċittadin Ewropew. U jiena nitlob lill-gvernijiet biex jirreżistu aktar spiss it-tentazzjoni li jikkritikaw meta jmorru lura pajjiżhom id-deċiżjonijiet li huma jkunu ħadu flimkien fi Brussell.

Jekk tkun għidtu iva fi Brussell, tgħidux mod ieħor x'imkien ieħor. Qatt tgħidu aktar wara laqgħa tal-Kunsill li intom tkun għamiltu rebħa u l-oħrajn ikunu tilfu. Fl-Ewropa aħna nirbħu flimkien, u nkunu flimkien meta nitilfu.

L-Ewropa saret ma tinftihemx, għax ħafna drabi nittrasformaw id-deskrizzjoni tagħha f'karikatura. Ejjja nwarribu t-tfettiġ nazzjonali. Fl-Ewropa nilagħbu b'mod kollettiv: napplikaw il-metodu komunitarju. Huwa minnu li dan jitlob ħafna minna, iżda huwa effikaċi, ġie ppruvat tajjeb, u huwa aktar kredibbli mill-battibekki intergovernattivi. Jeħtieġ nagħtu ħajja ġdida lill-metodu komunitarju.

L-Ewropa tilfet mill-kredibilità tagħha.

Id-distakk bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini kiber. Min hu tassew għama u trux ma jarax u ma jismax dan.

L-Unjoni Ewropea ħafna drabi tkun f'pożizzjoni li jkollha tiġġustifika lilha nfisha, u ħafna drabi tkun obbligata li tispjega ruħha aħjar.

L-Ewropa għandha bżonn aġenda estensiva ta' riforma.

Il-pożizzjoni kif inhi bħalissa ma toffrix soluzzjoni għal kollox. Hemm bżonn inwessgħuha. In-nies spiss ikollhom biża' mir-riformi. Huma jħossuhom mhedda minnhom, u jarawhom bħala mimlija riskji. Iżda min qatt ma jieħu riskju, jiġri li jkollu jieħu riskju anki akbar. Jeħtieġ nieħdu r-riskji, biex nagħmlu l-Ewropa aktar kompetittiva.

Bħala Unjoni Ewropea tinfna mill-kompetittività fil-livell internazzjonali u globali.

Waqajna lura, għaliex bqajna weqfin. Jeħtieġ nirsistu biex nerġgħu naqbz u fuq quddiem.

Il-kompetittività ħafna drabi tiġi mħallta maż-żarmar tal-istat soċjali, iżda l-kompetittività ma tinkisibx permezz tat-tneħħija tal-istat soċjali. Il-kompetittività tinkiseb billi wieħed iħaddan kunċetti b'sinifikat wiesgħa. Dawn huma meħtieġa, sabiex l-Unjoni Ewropea ssir post attraenti. Post għan-nies, post għall-investituri.

Ma' dan hemm marbut il-prinċipju li l-ekonomija trid taqdi lill-bnedmin, u mhux bil-maqlub. L-ekonomija trid taqdi lill-bniedem.

Dan jitlob li r-regoli tas-suq intern ma jkollhom l-ebda valur ogħla minn dak tar-regoli soċjali, li nkella jkunu biss standards minimi. Is-suq intern mhux dejjem għandu l-prijorità; anki l-fatturi soċjali għandu jkollhom posthom fl-Ewropa.

Jien nappoġġa b'entużjażmu l-ekonomija tas-suq soċjali. Ludwig Erhardt kien qal, "Il-ġid għandu jkun għal kulħadd." Mhux "Ġid għal xi wħud" - "Ġid għal kulħadd", dan għandu jkun is-slogan fl-ekonomija u fil-politika soċjali. Spiss jingħad li, la seħħet il-kriżi, l-ekonomija tas-suq soċjali falliet. Le, sinjuri, mhux l-ekonomija tas-suq soċjali falliet, iżda fallew dawk li, minħabba l-kilba għall-profitt, minħabba l-kilba għall-flus, minħabba l-politika tal-qligħ ta' malajr, kisru l-virtujiet bażiċi tal-ekonomija tas-suq soċjali.

L-ekonomija tas-suq soċjali taħdem biss meta jkun hemm id-djalogu soċjali. Id-djalogu soċjali mar lura fis-snin tal-kriżi. Irid jerġa' jingħata l-ħajja fuq livell nazzjonali, kif ukoll u fuq kollox, fuq livell Ewropew. Nixtieq inkun il-President tad-djalogu soċjali.

Biex il-post nagħmluh attraenti għall-investment hemm bżonn it-**tkabbir** - mhux programmi ta' rkupru li jwasslu għal nar tat-tiben u li ma jħallu l-ebda effett permanenti fuq id-dinja tax-xogħol. Dak li għandna bżonn huwa programm sostenibbli fuq għexieren ta' snin. Għandna bżonn pakkett ambizzjuż għax-xogħol, għat-**tkabbir**, għall-investment u għall-kompetittività. Għaliex għandna bżonnu dan? Għaliex jeħtieġ li fl-Ewropa nerġgħu nġibu lejn l-Ewropa, lura lejn iċ-**ċentru** tal-**ħajja**, tal-**ħafna** nies. Il-pakketti tat-**tkabbir**, il-pakketti tal-kompetittività, il-programmi ta' investment, għandhom biss skop wieħed: li jerġgħu jiġbdu n-nies lejn il-qalba tas-**soċjetà**

Bħalissa fil-fruntieri tal-Unjoni Ewropea qiegħed jiġi fformat id-29 Stat. Huwa Stat li fih in-nies ma għandhomx xogħol. Huwa Stat li fih iż-**żgħażaġħ** huma bla xogħol; Stat li fih qed naraw l-imwarrbin, lil dawk mitluqa mal-**ġenb** tat-triq. Kemm nixtieq li kieku dan id-29 Stat Membru jerġa' jsir Stat Membru normali. Għalhekk qiegħed nipproponi programm ta' investment ambizzjuż. Sa Frar 2015 nixtieq li nippreżenta dan il-pakkett ambizzjuż ta' **tkabbir**, investment, kompetittività u għall-postijiet tax-xogħol.

Nixtieq **ħafna** li fit-tliet snin li ġejjin nimmobilizza EUR 300 biljun f'investimenti pubbliċi u fuq kollox privati. Dan inkunu nistgħu nagħmluh, u nkun grat għal dan, kieku l-Parlament jappoġġani f'din it-triq. Dan nistgħu nagħmluh permezz ta' użu orjentat lejn ir-**riżultati** tal-fondi strutturali li hemm bħalissa, u permezz ta' użu orjentat lejn ir-**riżultati** tal-istrumenti disponibbli u li għandhom jiġu estiżi, tal-Bank Ewropew tal-Investment. Għandna bżonn investment miftiehem fejn jidħlu proġetti ta' infrastruttura; l-investimenti fil-qasam tal-broadband internet, fin-netwerks tal-enerġija, u għandna bżonn investimenti fl-infrastruttura tat-traffiku fiċ-**ċentri** industrijali. Għandha bżonn industrijalizzazzjoni ġdida tal-Ewropea. Għandna bżonn ukoll, fil-qasam industrijali, investimenti fejn jidħlu r-**riċerka**, l-**iżvilupp**, l-enerġija sostenibbli. L-enerġija sostenibbli mhix xi qasam riżervat għal dawk it-**twajba** li jħobbu l-ambjent. L-enerġija sostenibbli u l-**estensjoni** tagħha hija l-**kundizzjoni** biex l-Ewropea ta' għada jkollha tassew vantaġġi permanenti, sodi u sostenibbli f'konfront dirett ma' atturi oħra.

Ewropa qawwija li tinvesti hija Ewropa għal aktar ġid u Ewropa għal aktar postijiet tax-xogħol. L-investimenti huma l-**akbar** **ħbieb** ta' dawk bla xogħol. Parallel ma' dan, hemm bżonn nestendu l-garanzija liż-**żgħażaġħ**. Nixtieq **ħafna** li l-limitu massimu tal-**età** ntellgħuh pass pass minn 25 għal 30 sena. L-investimenti orjentati lejn ir-**riżultati** jistgħu jsiru biss meta jirnexxielna nnaqqsu l-burokrazija, fuq kollox dik li tolqot lill-impriżi **żgħar** u ta' daqs medju.

L-impriżi **ż-żgħar** mhumiex xi kapitalisti kbar. L-SMEs jaħdmu qatigħ, l-SMEs joħolqu l-postijiet tax-xogħol. Irridu nagħmlu aktar għall-SMEs, fuq kollox permezz tat-triq tat-**tnaqqis** determinat tar-regolamentazzjoni burokratika eċċessiva. Irridu bis-serjetà nħaddmu l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Sa mit-Trattat ta' Maastricht ilna nitkellmu dwar l-użu korrett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Iżda ma nużawhx tajjeb. Id-diskorsi tagħna jdumu aktar mill-isforzi li nagħmlu biex inwettqu t-**tnaqqis** tal-burokrazija, u biex naraw li l-Kummissjoni Ewropea - kif ukoll l-Unjoni Ewropea - minflok ma tindaħal f'kull dettall, kull roqgħa u naħa ta' **ħajjet** in-nies, minflok tieħu **ħsieb** il-problemi Ewropej il-kbar. Mhux kull problema li hemm fl-Ewropa għandha ssir problema tal-Unjoni Ewropa. Jeħtieġ li aħna nieħdu **ħsieb** tal-problemi l-kbar.

Dan kollu, Sur President, irid jitqies fil-kuntest tal-Patt ta' Stabbiltà. M'aħniex se nbiddlu l-Patt ta' Stabbiltà u t-Tkabbir fil-prinċipji bażiċi tiegħu. Dan ġie stabbilit mill-Kunsill Ewropew. Fis-snin li ġejjin jien se nżomm ma' dan.

Meta daħlet il-munita komuni, saret il-wegħda tal-istabbiltà. L-istabbiltà mhix biss regola għal meta pajjiż jidħol fil-munita komuni, iżda hija regola permanenti. Ġiet imwiegħda l-istabbiltà. L-Ewropa ma għandhiex tikser il-wegħdiet tagħha. Jien mhux se niksirhom.

Iżda l-Kunsill Ewropew, bir-raġun, stabbilixxa li l-marġini ta' flessibilità li kien hemm fir-riformi tal-Patt ta' Stabbiltà li saru fl-2005 u l-2011 għandu jintuża biex id-dimensjoni tat-tkabbir fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir tingħata t-tifsira sħiħa tagħha. Dan għamilnieh ukoll fil-passat; u fil-futur nagħmluh b'aktar qawwa. U dan iwassalni diġà biex ngħid li dak li fis-snin li għaddew għamilna u wettaqna, ma għandux jiġi sottovalutat. Jiena kont il-president tal-Eurogroup u qed nieħu gost li ma għadniex. Żgur li ma kinitx xi xalata. Ikollu ngħid li, madankollu, niddubita kemm il-kompitu li għalih issa qed nikkandida ruħi se jkun aktar pjaċevoli. Iżda, waqt il-kriżi tal-Ewro - li ma kienet kriżi tal-Ewro xejn, iżda kriżi tad-dejn - kellna nsewwu ajruplan qed jaqbad waqt li kien qed itir. Dan ma kienx faċli, il-ħiliet meħtieġa għat-tmexxija tal-istat, u r-regoli ta' politika mirquma forsi ma kinux biżżejjed, iżda rnexxielna nżommu ż-Żona tal-Ewro sħiħa.

Sa ffit aktar minn sena ilu, spekulaturi ta' kull xorta kienu qed jagħmlu l-imħatri li ż-Żona tal-Ewro kienet se taqa' biċċiet. Dan ma ġarax. Fis-swieq tal-finanzi kienu qed isiru l-imħatri li l-Greċja kienet se tispiċċa barra miż-Żona tal-Ewro.

Jien għamilt minn kollox, u ta' dan jiena kburi, biex il-Greċja, dan il-poplu kapaċi, dan in-nazzjon kbir, jibqa' membru tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

Iżda wettaqna wkoll żbalji. Mhix ħaġa faċli li ssewwi ajruplan li qed jaqbad waqt li qiegħed itir; minn żmien għal żmien tista' taħraq subgħajk.

Nixtieq ħafna li meta fil-futur nerġgħu niġu fil-mument li jkollha bżonn programmi ta' aġġustament - intant, jien ma jien qed nara l-ebda ħtieġa li fis-snin li ġejjin naslu għal dan - qabel ma naslu biex inwettqu programm ta' aġġustament, nagħmlu studju dettaljat tal-impatt soċjali. Inkun irrid inkun naf x'effett ikollu programm ta' aġġustament fuq ħajjet in-nies.

Fil-futur mhu se jkun hemm l-ebda programm ta' aġġustament mingħajr ma qabel tkun saret analiżi tal-impatt soċjali.

Nixtieq li kull darba li jkun hemm il-possibilità li jinħadem programm ta' aġġustament, ikun hemm ukoll il-possibilità ta' alternattiva. Alternattiva li nkunu nistgħu nduru għaliha meta l-previżjonijiet makroekonomiċi ma jkunux tajba. Meta f'pajjiż ikun hemm anqas tkabbir milli jkun mitlub mill-prinċipji ta' programm ta' aġġustament, f'dan il-każ allura jkun meħtieġ li l-programm ta' aġġustament jiġi huwa stess aġġustat. Għalhekk jiena naħdem biex ikun hemm pjan alternattiv.

Nixtieq li nerġgħu nikkunsidraw l-istrument tat-Trojka.

F'rapporti rilevanti l-Parlament jesponi li t-Trojka, kif qed taħdem issa, tbatu min nuqqas ta' sustanza demokratika. Tbatu minn nuqqas ta' sustanza demokratika; tbatu minn nuqqas ta' dimensjoni parlamentari. Hemm bżonn li nagħtu bixra ġdida lit-Trojka, nagħmluha aktar demokratika, aktar parlamentari u aktar politika. Hekk se nagħmlu.

Ma nistgħux nonfqu l-flus li ma għandniex. Irridu nibdlu d-defiċits u d-dejn bil-ideat. L-ideat hemm qegħdin: irridu nużaw aħjar l-opportunitajiet tat-teknoloġija diġitali li ma tagħrafx fruntieri. Irridu nkissru r-riżervi nazzjonali fir-regolamenti tat-telekomunikazzjonijiet, fl-istandards tad-drittijiet tal-awtur u tal-protezzjoni tad-dejta. Irridu nkissru r-riżervi nazzjonali fil-każ tal-ġestjoni tal-mewġ radjumanjetiku. Irridu nkissru dawn l-ostakoli, dan ix-xkiel għat-tekabbir. In-nollijiet għar-roaming fl-Ewropa jridu jisparixxu u se jisparixxu. Jekk ikollna suċċess fl-implimentazzjoni ta' suq uniku diġitali reali, nistgħu niġġeneraw EUR 250 biljun fi tkabbir addizzjonali fl-Ewropa. Hekk se nagħmlu.

Għandna bżonn, kif ingħad ħafna drabi waqt il-kriżi tal-Ukrajna, unjoni tal-enerġija reżiljenti li jkollha politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares 'il quddiem. Irridu nirriorganizzaw il-politika Ewropea dwar l-enerġija b'Unjoni Ewropea tal-Enerġija ġdida. Irridu niġbru r-riżorsi, ngħaqqdu l-infrastrutturi u nikkombinaw is-setgħa ta' negozjar tagħna fil-konfront ta' pajjiżi terzi. Irridu nidiversifikaw is-sorsi tagħna tal-enerġija u nnaqqsu d-dipendenza qawwija fuq l-enerġija ta' ħafna mill-Istati Membri tagħna.

Irrid li l-Unjoni Ewropea tiegħi l-post ta' fuq nett fejn tidħol l-enerġija rinnovabbli. Se nagħtu kontribut sinifikanti lejn it-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija lil hinn mill-oġettiv għas-sena 2020, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-bini. Għalija, oġettiv ta' 30 % fl-effiċjenza tal-enerġija sal-2030 huwa l-minimu, jekk irridu nkunu kredibbli u nżommu ħarsitna 'l quddiem. Na nistgħux nagħmluha ta' birruħna li aħna ninsabu fuq quddiem f'dak li għandu x'jaqsam mat-tibdil fil-klima jekk ma nsirux aktar kredibbli f'dak li jikkonċerna l-effiċjenza tal-enerġija.

Is-suq intern irid jitlesta. Jekk ikollna suċċess f'dan, inżidu EUR 200 biljun oħra ta' valur miżjud fl-ekonomija Ewropea. Dan hemm bżonn magħmluh.

Irridu nikkumplimentaw ir-regoli l-ġodda Ewropej għall-banek billi jkollna Unjoni tas-Swieq Kapitali. Biex intejbu l-iffinanzjar tal-ekonomija tagħna, għandna nkomplu niżviluppaw u nintegraw is-swieq kapitali. Dan inaqqas il-kost tal-ġbir tal-kapital, b'mod partikolari għall-SMEs.

Il-moviment ħieles tal-ħaddiema dejjem kien wieħed mill-pilastri ewlenin tas-suq intern. Dan il-prinċipju jiena se niddefendih.

Il-moviment ħieles huwa opportunità, mhux theddida. Dawn ir-regoli mhux se jinbidlu. Huwa kompitu tal-awtoritajiet nazzjonali li jiġġieldu kontra l-abbuż jew it-talbiet bi frodi għal benefiċċji. Jiena se ninzjala rieżami mmirat tad-direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema u tal-implimentazzjoni tagħha. Se jkollna niġġieldu kontra d-dumping soċjali u hekk se nagħmlu.

Se niġġieled kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa. Jiena favur l-adozzjoni fil-livell tal-UE ta' Bażi tat-Taxxa Korporattiva Konsolidata Komuni, kif ukoll ta' Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji. Irridu niġġieldu kontra l-ħasil tal-flus u hekk se nagħmlu.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, nixtieq niġbed l-attenzjoni tagħkom fuq il-fatt li l-kriżi għadha ma spiċċatx.

Il-kriżi għadha ma għaddietx.

Il-kriżi ma spiċċatx meta għandna 25 miljun raġel u mara qiegħda. Il-kriżi tkun intemmet meta jerġa' jkollna livell massimu ta' impjeg. Biex naslu għal dan, irridu nikkoordinaw aħjar il-politiki ekonomiċi tagħna. Irrid nistabbilixxu governanza ekonomika. U hekk se nagħmlu. Irrid nibqgħu eżiġenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħtieġa li jsiru riformi strutturali li, fuq terminu ta' żmien medju, jikkontribwixxu għat- tkabbir tal-ekonomija Ewropea. Jekk l-Istati Membri tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja jagħmlu sforzi partikolari, ikun meħtieġ li nirriflettu dwar miżuri finanzjarji li jakkumpanjaw tali proċess. Ikun meħtieġ, f'dan il-kuntest, li nirriflettu dwar l-istabbiliment ta' kapaċita baġitarja proprja għaż-Żona tal-Ewro.

Trid tispiċċa s-sitwazzjoni redikola li, bħala waħda mill-muniti l-aktar qawwija fid-dinja, inkunu rappreżentati minn ħafna partijiet li, ta' spiss, jikkontradixxu lil xulxin. Nixtieq li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, kif ukoll l-Ewro, ikunu rappreżentati minn pożizzjoni waħda, kariga waħda, vuċi waħda fl-istituzzjonijiet tal-Bretton Woods.

U hekk la qiegħed insemmi l-Bretton Woods, fil-qalba tal-Istati Uniti, nixtieq ngħid kelma dwar il-kwistjoni tal-ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Istati Uniti. Jien favur li dan il-ftehim jiġi konkluż. Nemmen li l-aktar żewġ spazji ekonomiċi vasti, li l-akbar żewġ demokraziji fid-dinja, ikunu jistgħu jgħaqqdu l-isforzi tagħhom fl-interess reċiproku tal-Amerikani u tal-Ewropej. Madankollu, il-ftehim mhux se jiġi konkluż ikun xi jkun il-prezz. Ma nistgħux nabbandunaw in-normi tagħna fejn tidħol is-saħħa. Ma nistgħux nabbandunaw in-normi soċjali tagħna. Ma nistgħux nabbandunaw l-eżiġenzi tagħna fejn tidħol il-protezzjoni tad-dejta. Ma rridx li l-protezzjoni tad-dejta tkun parti min-negozjati li qed nagħmlu ma' ħbiebna l-Amerikani. U ma nixtieqx li nistabbilixxu ġurisdizzjonijiet paralleli u sigrieti. Aħna pajjiżi fejn hemm l-istat tad-dritt, u fl-Istati Uniti, bħal fl-Ewropa, tiġi applikata l-liġi.

Irridu naraw kif nagħmlu biex dawn in-negozjati jsiru fl-akbar trasparenza possibbli. Jien ngħid dan: jekk ma nippubblikawx id-dokumenti rilevanti - mhux qed nitkellem dwar id-dokumenti dwar l-istrateġija tan-negozjati - dan il-ftehim ifalli. Ifalli quddiem l-opinjoni pubblika, ifalli quddiem il-Parlament, ifalli quddiem il-Parlamenti nazzjonali tagħna jekk qatt xi darba jkun hemm ftehim imħallat. Għalhekk inkunu trasparenti għalix aħna m għandna xejn x'naħbu. Ejja ma nagħtux l-impressjoni li qed naħbu xi ħaġa, ejja naħdmu b'mod trasparenti u nippubblikaw id-dokumenti rilevanti.

L-Unjoni Ewropea hija Ewropa tal-valuri. Quddiem il-kumpliment tad-dinja aħna kredibbli jekk inkunu eżiġenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-valuri fundamentali. Jien se ninnomina kummissarju li jkun responsabbli għall-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Jien nixtieq li l-UE tingħaqad kemm jista' jkun malajr mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa.

Id-direttiva kontra d-diskriminazzjoni se tibqa' fuq il-mejda u se nipprova nikkonvinċi lill-Kunsill li jadottaha mill-aktar fis, tal-anqas fil-prinċipji ġenerali tagħha.

L-immigrazzjoni legali u l-immigrazzjoni illegali huma suġġetti li, kważi ta' kuljum, jippreokkupaw liċ-ċittadini tagħna. Għandna bżonn politika komuni fil-qasam tal-ażil u se nipproponi li jsir hekk. Hemm bżonn nirriflettu fuq l-immigrazzjoni legali li l-Ewropa se jkollha bżonn bil-qawwa fil-ħames snin li ġejjin. Nistgħu nagħmlu bħall-Istati Uniti, il-Kanada u l-Awstralja. Jista' jirnexxielna nagħmlu dak li huma dejjem għamlu.

Niproteġu l-fruntieri esterni tagħna - din xi ħaġa pożittiva. Niproteġu l-fruntieri interni. Niġġieldu kontra l-gruppi kriminali li jaqilgħu l-flus bid-deni li jolqot lil ħaddieħor. Ngħinu lil dawk li jkunu jridu jiġu għandna filwaqt li jkunu għadhom pajjiżhom, qabel ma jaqdbu dgħajsa biex jaqsmu l-Mediterran. U naraw kif nagħmlu biex bejn in-naħa ta' fuq u n-naħa ta' isfel tal-Ewropa jkun hemm aktar solidarjetà. L-immigrazzjoni illegali, il-problema tar-refuġjati, dawn mhumiex biss problemi ta' Malta, Ċipru, l-Italja jew il-Greċja, iżda huma problemi tal-Ewropa kollha kemm hi.

Nixtieq ngħid kelma dwar il-politika barranija. Għandna bżonn b'mod urġenti politika komuni barranija - u ta' sigurtà. Inħoss li jkun xieraq - u se nara li jsir hekk, li min jinħatar bħala rappreżentant għoli ma jkunx aktar limitat mill-ministri tal-affarijiet barranin. Politika barranija komuni għandha bżonn li tiġi ppreżentata b'mod uniformi barra.

Min se jkun ir-rappreżentant, li se jkollu ambitu ta' ħidma wiesa', se jkun sostnut minn kummissarji responsabbli minn setturi oħra.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' difiża, il-kwistjoni mhix li l-Unjoni Ewropea tiġi stabbilita bħala kontrapjiz għan-NATO. It-tnejn iridu jaħdmu flimkien u jikkooperaw. Fil-qasam tad-difiża għandna bżonn ħidma aktar mill-qrib flimkien, kif anki huwa previst fit-Trattat ta' Lisbona. Fuq kollox, f'dak li għandu x'jaqsam mal-akkwist, hemm bżonn ta' aktar ħidma flimkien, minflok kontra xulxin, biex nakkwistaw dak li għandna bżonn flimkien.

Fil-ħames snin li ġejjin mhu se jkun hemm l-ebda membru ġdid fl-Unjoni Ewropea. Minn kif jidhru l-affarijiet illum, wieħed ma jistax jara li xi wieħed mill-pajjiżi kandidati, li bħalissa miegħu qed isiru n-negozjati, ikun jista' jissodisfa sal-2019 il-kriterji kollha, bid-dettalji kollha, tal-adeżjoni. Iżda n-negozjati se jkomplu u nazzjonijiet oħra u pajjiżi oħra Ewropej għandhom bżonn ta' perspettiva Ewropea kredibbli u onesta. Dan jgħodd fuq kollox għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Dan ir-reġjun tal-Ewropea, li tant għadda minn traġedji, għandu bżonn perspettiva Ewropea. Inkella d-dimonji tal-passat jerġgħu jitfaċċaw.

Xtaqt kieku nkellimkom f'aktar dettall dwar il-politika industrijali meħtieġa li rridu nistabbilixxu fl-Ewropa biex is-sehem tal-industrija fil-PDG Ewropew jizjed għal 20 %. Xtaqt inkellimkom f'aktar dettall dwar l-Ukraina li jien insellem illum lill-poplu tagħna u ngħidli li aħna tal-fehma li dan il-poplu huwa Ewropew u li għandu postu fl-Ewropa.

Xtaqt nispejgalkom fid-dettall għaliex jiena nqis li huwa meħtieġ li, fil-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea, ikollna pagi minimi u għajjnuna soċjali minima garantiti. Se naġixxu f'din id-direzzjoni.

Xtaqt inkellimkom dwar il-konvinzjoni tiegħi li s-servizzi ta' interess ġenerali u s-servizzi pubbliċi għandhom ikunu salvagwardjati u ma jistgħux ikunu suġġetti għall-kapriċċi tal-mument. Niddefendu s-servizz pubbliku fl-Ewropa!

Xtaqt inkellimkom dwar l-Afrika, dwar din l-Afrika, ta' spiss bi problemi, u ta' spiss minsija. Iżda din l-Afrika għanja fir-riżorsi u b'mod partikolari għanja fir-riżorsi umani. Ejja ma ninsewx l-Afrika u nagħmlu mod li jispiċċa dan l-iskandlu, din it-traġedja, din id-drama li ta' kuljum tirrepeti ruħha hekk kif kull sitt sekondi jmut bniedem bil-ġuħ u li nitilfu 25,000 tifel u tifla kuljum minħabba l-ġuħ. Sakemm jibqgħu jmutu 25,000 tifel u tifla bil-ġuħ, l-Ewropa ma tkunx temmet il-ħidma tagħha. L-Ewropa għandha r-responsabilità li tibdel din is-sitwazzjoni.

Jeħtieġ li nerġgħu nibdew mill-ġdid, li nifhmu dak li l-poplu qalilna fil-25 ta' Mejju. Iżda dan mhux żmien ta' rivoluzzjoni. Dan mhux żmien lanqas ta' kontrarivoluzzjoni. Jekk irridu li l-Ewropej isiru jħobbu mill-ġdid l-Ewropa tagħhom, ejja ngħidulhom li aħna kburin bl-Ewropa. Ejja ngħidulhom li aħna kburin b'ħafna minn dak li għamilna matul id-deċenni li għaddew.

Ta' spiss jingħad li l-kwistjoni ta' għażla bejn paċi u gwerra issa ġiet solvuta għal dejjem. Iżda l-kontrappożizzjoni, li ftit tagħmel ġid, bejn il-gwerra u l-paċi għadha preżenti fl-Ewropa. Kif qed naraw iseħħ fil-periferija tal-UE, il-paċi mhix qiegħda hemm b'xi garanzija permanenti fil-kontinent Ewropew.

Ejja nkunu kburin b'missirijietna, bil-ġenerazzjoni tan-nanniet tagħna li, meta rritornaw mill-kampijiet tal-gwerra u l-kampijiet ta' konċentrament għamlu din il-wegħda eterna ta' wara l-gwerra: "Qatt aktar gwerra", programm politiku li, sal-lum, qed juri kemm iġib miegħu benefiċċji. Aħna midjunin lejn missirijietna.

Ejja nkunu kburin li fl-istess ħin, matul is-snin 90, irnexxielna nkabbru l-Unjoni Ewropea, nirrikonċiljaw l-istorja mal-ġeografija Ewropea, intemmu din is-sitwazzjoni biżarra ta' wara l-gwerra li permezz tagħha l-Ewropa nqasmet f'żewġ partijiet għal dejjem. Erġajna għaqqadna, mingħajr l-użu tal-armi iżda b'konvinzjoni, il-ġeografija u l-istorja Ewropea, u nixtieq nagħtu ġieħ lil dawk, fl-Ewropa ċentrali u tal-lvant, jum minnhom iddeċidew li jieħdu l-istorja f'idejhom. Li ma baqqgħux vittmi tal-istorja, iżda li bdew jagħmlu l-istorja huma stess. Ejja ma nibqgħux nitkellmu dwar Stati Membri qodma u ġodda. Hemm biss Stati Membri, la ġodda u lanqas qodma!

U ejja nkunu kburin li stabbilixxejna l-munita unika. Il-munita unika ma taqsamx l-Ewropa, il-munita unika tipproteġi l-Ewropa.

Jiena kont Ministru tal-Finanzi f'pajjiżi għal 20 sena. Kull sitt xhur kien ikolli mmur Brussell biex nassisti għal riallinjamenti monetarji. Kull sitt xhur, kont nesperjenza "live and in colour" kemm id-diżordni monetarja kien ta' periklu għall-ekonomija Ewropea. Esperjenzajt kemm-il darba kif Stat kien jitlef id-dinjità tiegħu li, biex jibqa' kompetittiv, kien ikollu jagħmel żvalutazzjoni. Rajt b'imrar xeni terribbli hekk kif dawk li kellhom iżidu l-valur estern tal-munita tagħhom ma kinux iridu jagħmlu dan

minħabba l-biża' li jtilfu s-swieq, u kif dawk li kellhom jiżvalutaw ma kinux jazzardaw li jagħmlu dan għax kienu jibżgħu minn intervent massiv, u ritorn b'mod diżordinat tal-inflazzjoni.

Kieku waqt l-avvenimenti tal-Ukraina, kieku matul il-kriżi ekonomija u finanzjarja li laqitna u li għamlet mill-Ewropa l-epiċentru ta' battalja mondjali, u kieku konna għadna bis-sistema monetarja Ewropea, l-Ewropa llum kienet tkun fi gwerra monetarja. Franza kontra l-Ġermanja, il-Ġermanja kontra l-Italja, l-Italja kontra l-Portugall u Spanja kontra kulħadd. Bis-saħħa tal-Ewro, id-dixxiplina u l-ambizzjonijiet tiegħu, issa aħna għandna ordni monetarju li jipproteġina. L-Ewro jipproteġi l-Ewropa.

U l-Greċja ma riditx titlaq miż-żona monetarja. U aħna ma ridniex li l-Greċja titlaq miż-Żona tal-Ewro.

Kieku ma għamilniex dak li għamilna fid-deċennji li għaddew, kieku ma għamilniex mill-Ewropa kontinent ta' paċi, kienu ma rrikonċiljajniex l-istorja mal-ġeografija Ewropea, kieku ma stabbilixxejniex il-munita unika u kieku ma bnejniex fl-Ewropa l-akbar suq intern fid-dinja, f'liema sitwazzjoni konna nkunu llum? Ma konna nkunu ħadd, konna nkunu dgħajfa, mhux kredibbli u mingħajr difiża. Illum, bis-saħħa tal-ħidma u l-konvinzjonijiet ta' min kien qabilna, l-Ewropa hija kontinent li għamel mod li dawk li jgħixu fih ikunu jistgħu jgħixu fil-paċi u f'għid relattiv.

Ma rridx Ewropa li tkun spettatur tal-istorja. Ma rridx Ewropea li toqgħod tosserva lill-oħrajn waqt li dawn iwettqu, jaġixxu, u jimxu 'l quddiem. Nixtieq Ewropea li tkun tinsab fin-nofs, Ewropa li jkollha rwol fuq quddiem, Ewropa li tirbaħ, tipproteġi, teżisti, u li tkun mudell għall-oħrajn. Biex nagħmlu dan, irridu nkunu ispirati mill-prinċipji u l-konvinzjonijiet li writna mingħand l-Ewropej il-kbar, li kienu hemm meta aħna ma konna għadna xejn. Irrid nagħti għieħ lil Jacques Delors, il-President ta' statura tal-Kummissjoni Ewropea Mhux għax kulħadd jista' jkun Delors, imma Delors huwa l-ħabib u l-imgħallem tiegħi, u l-ħidma tiegħu tispirani kuljum. Irrid nagħti għieħ hawnhekk lil François Mitterrand, li qal li n-nazzjonaliżmu jwassal għall-gwerra. Mitterrand kellu raġun.

U rrid nagħti għieħ lil Helmut Kohl, li, għalija, huwa l-akbar Ewropew li jien qatt kelli l-okkażjoni li nkun naf.

Nagħmlu bħalhom: huma kellhom il-paċenzja, il-kuraġġ u d-determinazzjoni. Ejja jkollna l-istess kuraġġ, l-istess determinazzjoni, l-istess paċenzja. Li jkollna dan il-kuraġġ, din il-paċenzja, din id-determinazzjoni, ikun ifisser toroq twal u ambizzjonijiet kbar.

Flimkien nistgħu nagħmlu affarijiet kbar, għall-Ewropea, għaċ-ċittadini tagħha, għad-dinja.

Nirringrazzjakom tal-attenzjoni tagħkom.

Jean-Claude Juncker
Il-President-elett tal-Kummissjoni Ewropea

**Immexxu l-Ewropa 'l quddiem:
Il-messaġġi ewlenin tal-President-elett
Juncker fid-diskors tiegħu quddiem il-
Parlament Ewropew**

Dikjarazzjoni fis-sessjoni plenarja tal-Parlament
Ewropew qabel ma jittieħed il-vot fuq il-Kulleġġ

Strasburgu, it-22 ta' Ottubru 2014

Immexxu l-Ewropa 'l quddiem: Il-messaġġi ewlenin tal-President-elett Juncker fid-diskors tiegħu quddiem il-Parlament Ewropew

Dikjarazzjoni fis-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew qabel ma jittieħed il-vot fuq il-Kulleġġ

Żmien li tittieħed Azzjoni

“Mill-Ukraina sas-Sirja, lejn il-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq, il-viċinat tagħna għadu kif kien: la sod u lanqas stabbli. Mijiet ta' immigranti li jaslul fil-fruntieri esterni tal-Ewropa biex ifittxu ġejjieni aħjar ifakkruna fil-ħtieġa li jiġu rrikonċiljati x-xenqa għas-solidarjetà mat-talba għal fruntieri sikuri. Barra minn dan, it-theddid transkonfinali għas-saħħa, bħall-epidemija tal-Ebola, wassal biex iċ-ċittadini, mingħajr ma ħadd jista' jluhom, jinħatfu minn livell ta' biża'.

Aħna ma nistgħux u m'aħniex ngħattu x-xemx bl-għarbiel fid-dawl ta' dawn il-problemi. M'aħniex se nagħlqu għajnejna quddiemhom. Huwa għalhekk li jiena ninsisti li issa wasal iż-żmien għal azzjoni min-naħa Ewropea. Din hija r-raġuni għaliex jiena nsostni ċar u tond quddiem din il-Kamra li ma nistgħux inħallu l-problemi tal-Ewropa jinżlu fil-prijorità.”

Inkissru l-mentalità ta' kompartmentalizzazzjoni

"Meta ppreżentajt it-tim il-ġdid tiegħi fl-10 ta' Settembru, ridt nuri x-xewqa tiegħi li nikseb ir-riżultati malajr u b'mod effettiv. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni tiegħi mhux biss se jkollha bixra differenti iżda wkoll se taħdem b'mod differenti. Mhux bħala s-somma kumplessiva tal-elementi tagħha, iżda bħala tim. Mhux permezz ta' mentalitajiet kompartmentalizzati, gruppi u portafolji bi fruntieri, iżda bħala korp kolleġġjali, politiku. Jiena rrid Kummissjoni politika, eżekuttiva li tkun għas-servizz tal-ġid komuni u taċ-ċittadini tal-Ewropa."

Nindirizzaw il-preokkupazzjonijiet

“Is-seduti ta' smiġn urew li jeżisti kunsens wiesa' madwar it-tim li jiena pproponejt. Madankollu, intom esprimejtu wkoll xi tħassib - waqt is-seduti u kif ukoll fil-kuntatti tagħkom miegħi. Jien lest biex nindirizza malajr il-kwistjonijiet li intom identifikajtu bħala rilevanti għall-funzjonament tal-Kummissjoni l-ġdida.

Jiena smajtkom b'attenzjoni u se nispegalkom fil-qosor kif nixtieq nindirizza l-preokkupazzjonijiet tagħkom dwar għadd ta' kwistjonijiet:

1. Kummissarju Slovena ġdida, Violeta Bulc, għaddiet mis-seduta tagħha fi żmien rekord. Dan kien possibbli bis-saħħa ta' tibdil fil-portafoll li sar mingħajr dewmien. Violeta se tkun responsabbli mill-**portafoll tat-trasport**, filwaqt li Maroš Šefčovič, membru ta' esperjenza tal-Kummissjoni li se tispiċċa, ser ikun il-Viċi President inkarigat mill-**Unjoni tal-enerġija**.
2. Iddeċidejt li nkabbar ir-responsabbiltajiet ta' Frans Timmermans biex ninkludi r-responsabbiltà orizzontali għall-**iżvilupp sostenibbli**. Kif tafu, l-iżvilupp sostenibbli huwa prinċipju minqax fit-Trattati tal-UE (Artikolu 3 TUE) u għalhekk irid jittieħed f'kunsiderazzjoni mill-istituzzjonijiet kollha fl-azzjonijiet u l-politiki kollha tagħhom. Huwa wkoll parti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali

tal-UE li għaliha huwa responsabbli Frans b'mod orizzontali. Is-sostenibbiltà u l-preokkupazzjonijiet ambjentali huma importanti għaċ-ċittadini tagħna. Fil-Kummissjoni l-ġdida għandna l-għodda biex nindirizzawhom: b'portafolji ekoloġiċi qawwija li għandhom baġits kbar u snien regolatorji.

3. Ir-responsabbiltà għall-**mediċini u l-prodotti farmaċewtiċi** se tibqa' tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa għaliex jiena naqbel magħkom li l-mediċini mhumiex prodott bħall-oħrajn. Il-politika rilevanti se tiġi żviluppata b'mod konġunt minn Vytenis Andriukaitis u minn Elżbieta Bieńkowska, li wriet it-talenti inkredibbli tagħha waqt is-seduta tagħha.

4. **Il-politika dwar l-ispazju** tista' tagħti kontribut importanti għall-iżvilupp ulterjuri ta' bażi industrijali b'saħħitha fl-Ewropa - waħda mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni tiegħi. Huwa għal din ir-raġuni li jiena ddeċidejt li din tibqa' taħt il-kompetenza tad-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern u l-Industrija, fl-idejn sikuri ta' Elżbieta Bieńkowska.

5. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, jien iddeċidejt li npoġġi **ċ-Ċittadinanza** taħt ir-responsabbiltà ta' Dimitris Avramopoulos, il-Kummissarju inkarigat mill-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni - kwistjonijiet li huma ħafna għall-qalb iċ-ċittadini tal-Ewropa - li ser jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib f'din il-materja mal-Kummissarju għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, Vera Jourova. Nixtieq fl-istess ħin nerġa' nuri l-fiduċja tiegħi f'Tibor Navracsics li kien eċċellenti matul is-seduta tiegħu, u wera impenn Ewropew qawwi - u minħabba f'hekk intom ikkunsidrajtuh kwalifikat bħala Kummissarju."

Tilwim bejn l-investituri u l-istat

Ħadt nota tad-dibattiti qawwija rigward il-kwistjoni tar-riżolviment ta' kwistjonijiet bejn l-investituri u l-istat (ISDS) fin-negozjati għas-Sħubija trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP). Ippermettuli nerġa' nistqarr b'mod ċar il-pożizzjoni tiegħi, li jiena stqarrejt fil-15 ta' Lulju quddiem din il-Kamra u li intom issibu fil-Linji-Gwida Poliċi tiegħi: il-Kummissjoni tiegħi mhux se taċċetta li l-ġurisdizzjoni tal-qrati fl-Istati Membri tal-UE tkun limitata minn reġimi speċjali fejn jidħlu dispuċti bejn l-investituri u l-istat. L-istat tad-dritt u l-prinċipju tal-ugwaljanza quddiem il-liġi għandhom japplikaw ukoll f'dan il-kuntest.

Il-mandat ta' negozjar jipprevedi numru ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu rispettati minn reġim bħal dan, kif ukoll evalwazzjoni tar-relazzjoni tiegħu mal-qrati domestiċi. B'hekk m'hemm l-ebda obbligu f'dan ir-rigward: il-mandat iħallih miftuħ u jservi ta' gwida.

Kont naħseb li l-impenn tiegħi dwar dan il-punt kien ċar ħafna iżda jien kuntent li niċċarah u nisħaq fuqu hawnhekk illum kif numru minnkom tlabtuni nagħmel: Fil-ftehim li l-Kummissjoni tiegħi eventwalment sejra tippreżenta lil din il-Kamra għall-approvazzjoni mhu se jkun hemm xejn li jillimita l-aċċess għall-partijiet għall-qrati nazzjonali jew li jippermetti lil xi qrati sigrieti li jkollhom l-aħħar kelma f'dispuċti bejn l-investituri u l-istat.

Jiena tlabt lil Frans Timmermans, fir-rwol tiegħu bħala l-ewwel Viċi President inkarigat mill-Istat tad-Dritt u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jkun il-konsulent tiegħi f'din il-kwistjoni. **Mhu se jkun hemm l-ebda klawsola dwar dispuċti bejn l-investitur u l-istat fit-TTIP jekk Frans ma jaqbilx magħha wkoll.**

Ninsab fiduċjuż li - bl-appoġġ tagħkom - inkunu nistgħu ninnegożjaw fuq dawn il-linji ftehim ambizzjuż ta' kummerċ mal-Istati Uniti, fir-rispett sħiħ tal-interessi Ewropej u tal-istat tad-dritt.

Intemmu d-Diskrepanza fl-Investment

“Ippermettuli nkun ċar meta ngħid li l-Kummissjoni tiegħi, bħal kull Kummissjoni qabilha, se tittratta indaq mal-Istati Membri. U se nkunu ħorox meta jkun hemm bżonn li nkunu ħorox. **Wasal iż-żmien li jkollna tassew "grand bargain", koalizzjoni wiesgħa ta' pajjiżi u tal-partiti politiċi ewlenin li se jaħdmu flimkien fuq struttura ta' tliet pilastri: ir-riformi strutturali, il-kredibilita fiskali u l-investment.**

Ir-reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi attwali ma tistax tkun minn fuq għal isfel. Jiena ma nemminx fil-mirakli - m'hemm l-ebda bakketta maġika jew xi buttuna li nistgħu nagħfsu fi Brussell biex inġibu t-tkabbir. Ir-riformi strutturali, il-kredibilita fiskali u l-investment fil-livell nazzjonali u tal-UE għandhom imorru id f'id.”

“Il-livell ta' investment fl-UE naqas bi ftit inqas minn EUR 500 biljun, jew 20 %, wara l-aħħar quċċata li kien laħaq fl-2007. **Għandna quddiemna diskrepanzi fl-investment. Irridu naħdmu sabiex intemmu din id-diskrepanza.**

L-Ewropa tista' tgħin biex dan iseħħ. Kif tafu, beħsiebni nippreżenta pakkett ambizzjuż ta' investment ta' EUR 300 biljun għall-Impjegi, it-Tkabbir u l-Kompetittività.

Minix se ntikom id-dettalji kollha issa ta' dak li se jkun fih dan il-pakkett. Kif nista' nagħmel dan meta t-Tim il-ġdid tiegħi għadu lanqas iltaqa' biex jiddiskutih?

Sempliċement irid ikollkom ftit tal-fiduċja. Intikom il-kelma tiegħi li l-Kulleġġ tiegħi se jibda jaħdem fuq dan lejl u nhar, mill-mument li nidħlu fil-kariga.

Jekk tagħtuna l-appoġġ tagħkom illum, nippreżentaw dan il-pakkett qabel il-Milied. Din mhix wegħda, din affermazzjoni.”

L-Ewwel inizjattivi leġiżlattivi tal-Kummissjoni Juncker

“Kuljum, l-Ewropa qiegħda titef billi **ma tiżblukkax il-potenzjal kbir tas-suq diġitali uniku enormi tagħna.** L-impjegi li suppost hemm, mhux qed jinħolqu. L-ideat - id-DNA tal-ekonomija tal-Ewropa! - mhux qed jimmaterjalizzaw sal-livell li suppost jagħmlu. Ejjew intejbu din is-sitwazzjoni.”

"Fid-dinja dejjem aktar kompetittiva ta' għada, l-Ewropa se tkun kapaċi tinexxi biss jekk **nagħmlu suċċess bl-Unjoni dwar l-Enerġija.**

Fid-dawl tad-diskussjonijiet li se jsiru fil-jiem li ġejjin dwar dan, nitlob lill-Istati Membri biex jilħqu qbil fil-Kunsill Ewropew sabiex inkunu nistgħu morru Pariġi b'mandat ċar. Hemm bżonn li kollha kemm aħna niġbdu fl-istess direzzjoni biex isir il-progress.”

Konklużjoni

“Iċ-ċittadini qed jitilfu l-fiduċja, l-estremisti fuq ix-xellug u l-lemin qegħdin jiffittawna l-ħin kollu, il-kompetituri tagħna qegħdin jieħdu l-lala. Wasal iż-żmien li nagħtu nifs ġdid lill-proġett Ewropew.

Quddiemna, għandna sfidi kbar. Ir-responsabilità biex nagħtu sura lil dawn l-isfidi tinsab fuq spallejna. Jekk irridu li jkollna rwol fil-ġejjieni jeħtieġ li dan nibdew naċċettawh minn issa. Fuq spallejna tinsab ir-responsabilità li f'kull ma nagħmlu ikun

jidher il-Mudell Soċjali Ewropew. Għaliex l-Ewropa hija t-tarka ta' protezzjoni għalina lkoll li nistgħu nqisu bħala darna dan il-kontinent tal-għaġeb.

Jiena ninsab hawn quddiemkom, f'din il-Kamra li hija l-fanal tad-demokrazija Ewropea, u **nitlobkom li taraw li l-Ewropa nibdew mill-ġdid immexxuha 'l quddiem.**"

Żmien għall-azzjoni

Dikjarazzjoni fis-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew qabel il-vot dwar il-Kulleġġ

Strasburgu, 22 Ottubru 2014

Sur President, Sinjuri Deputati,

F'diskors li kelli l-unur li nippreżentalkom fil-15 ta' Lulju, ippreżentajtilkom l-orjentament ġenerali u d-drittijiet li jiddisponi minnhom il-President nominat tal-Kummissjoni skont it-Trattat.

Dan ma kienx eżerċizzju ta' stil: kien preżentazzjoni ta' programmi, ta' proġetti u ta' kontenut, preżentazzjoni ta' ambizzjonijiet.

Il-Kummissarji li, jekk tapprovawhom, se jiffurmaw il-Kulleġġ tiegħi huma marbuta b'dawn l-orjentamenti ġenerali. M'iniex qed nitlob mingħand il-Kummissarji ubbidjenza għamja. Kif għidt fi Brussell meta ppreżentajt il-Kulleġġ: fl-età tiegħi, wieħed ma jibdiex il-karriera ta' dittatur. Irrid li l-Kummissarji jħossuhom ħielsa. Tlabtu lill-President nominat tal-Kummissjoni biex jagħmel minn kollox biex jibni Kulleġġ politiku, għaldaqstant irrispettaw il-fatt li l-Kummissarji għandhom opinjonijiet politiċi u bir-riflessjonijiet tagħhom se jikkontribwixxu għad-dibattiti fil-Kummissjoni. Ġejt elett President tal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' programm li jorbotni mal-Parlament Ewropew. Għandi kuntratt miegħek, Sur President, u mal-Parlament Ewropew, u bi ħsiebni nirrispetta t-termini tal-kuntratt li ppreżentajt quddiemkom matul is-sajf ta' din is-sena.

Il-Kummissjoni li se tiegħi l-funzjonijiet tagħha, jekk intom taqblu, fl-1 ta' Novembru, se tiegħi post dik ta' José Manuel Barroso, li kien il-President tal-Istituzzjoni għal għaxar snin. Nixtieq hawnhekk insellem lil José Manuel Barroso li kien President matul perjodu tassew diffiċli. Il-Kummissjoni Barroso kellha taffronta l-kriżi ekonomika u finanzjarja u l-konsegwenzi tagħha. Il-Kummissjoni Barroso rnexxielha tintegra fil-bosta mekkaniżmi komunitarji tlettax-il Stat Membru ġdid. Inqis li José Manuel Barroso wettaq ħidma tajba u, ħafna drabi, ġie kkritikat b'mod li lili dehrli li kien aħrax. Il-President Barroso ta servizz tajjeb lill-Ewropa u nixtieq niringrazzjah għall-ħidma straordinarja li wettaq.

F'Lulju wegħidtkom li se nibni Kummissjoni politika; għidtilkom li l-Kummissjoni li jmiss se tkun politika, u li kienet se tkun politika ħafna; Din kienet qisha xewqa ekumenika li bosta minnkom esprimejtu. Il-Kummissjoni mhijjex grupp ta' uffiċjali

għolja anonimi. Id-diretturi ġenerali, li kollha huma kompetenti, iridu jobdu lill-Kummissarji, u mhux bil-kontra.

Għalhekk, għamilt minn kollox biex ikolli individwi b'piż politiku qawwi nnominati bħala membri tal-Kummissjoni mill-gvernijiet u mill-President innominat.

L-irġiel u n-nisa li se jiffurmaw il-Kulleġġ tiegħi eżerċitaw funzjonijiet importanti fil-pajjiżi rispettivi tagħhom, funzjonijiet ta' responsabilità kbira. Il-Kummissjoni se jkun fiha erba' eks prim ministri, dsatax-il eks ministru, tliet eks ministri tal-affarijiet barranin, bosta eks ministri tal-finanzi, seba' membri tal-kummissjoni preċedenti u tmien kummissarji li kienu membri tal-Parlament Ewropew. Dan jittraduċi l-fatt li l-Kummissjoni trid tkun politika ħafna.

Wegħidtkom Kummissjoni aktar politika: il-kompożizzjoni tagħha tindika li se tkun aktar politika minn dawk ta' qabilha. Wegħidtkom f'Lulju Kummissjoni aktar effikaċi, li hija wkoll ix-xewqa tal-biċċa l-kbira ta' dawk li jiffurmaw din l-assemblea. Għażilt li nirriorganizza l-arkitettura tal-Kummissjoni. Għażilt li ninnomina Viċi President ewlieni, ħaġa li qatt ma saret qabel, u dan huwa Frans Timmermans li nixtieq insellimlu partikolarment illum.

Għamilt din l-għażla għaliex ili nafu ħafna; għamilt din l-għażla wkoll biex nagħti lill-Kummissjoni l-ekwilibriju politiku li l-għażla tal-kummissarji differenti ma għamlitx biżżejjed; qrajt fuq il-biċċa l-kbira tal-ġurnali Ewropej, li Frans Timmermans se jkun l-id il-leminija tiegħi: nispera li minn żmien għal żmien se jkun ukoll l-id ix-xellugija tiegħi, imma dan se jkun diffiċli.

Innominajt bosta Viċi Presidenti. Kif jitlob it-Trattat, innominajt lir-Rappreżentant Għoli bħala Viċi President; ridt ukoll ninnomina lill-Kummissarju għall-affarijiet baġitarji Viċi President billi t-tfassil u t-twettiq tal-baġit huma fil-fatt orizzontali min-natura tagħhom; minbarra dan, kelli l-idea li nitlob lill-eks Prim Ministri sabiex jeżerċitaw funzjonament ta' koordinazzjoni fil-Kulleġġ. Il-prim ministri huma mdorrija jagħmlu dan ix-xogħol diffiċli li jikkoordinaw ix-xogħol tal-oħrajn. Xi kultant jirnexxihom, xi kultant le, iżda jafu x'inhuma jagħmlu meta jkollhom jikkoordinaw. Għalhekk, tlabt lil dawk li kienu Prim Ministri sabiex ikunu Viċi Presidenti tal-Kummissjoni. Iddeċidejt li ninkariga lil Frans Timmermans bl-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, id-deregolamentazzjoni, kif isejñilha min jitellem il-Franċiż; Din hija kwistjoni importanti. Għidna, u wegħidna lill-eletturi u liċ-ċittadini Ewropej li se nagħmlu lill-Ewropa magna, mekkaniżmu, ambizzjoni, fabrika li tindirizza l-problemi l-kbar u li ma tiħux f'idejha l-affarijiet iż-żgħar li jsibu r-rispons tagħhom aħjar fil-pajjiżi membri kkonċernati u fil-livell tal-gvern lokali. Is-Sur Timmermans se jkun għassa tal-prinċipji tar-regolamentazzjoni aħjar. Dan huwa xogħol iebes, li se jinvolvi l-kummissarji kollha, billi kollha kemm huma jridu jipparteċipaw f'dan l-isforz ta' tiswija tal-Unjoni Ewropea, tar-riflessi u l-komportamenti politiċi tagħha. Iddeċidejt li ninkariga lil Frans Timmermans, ukoll, bl-iżvilupp sostenibbli: ambizzjoni importanti, proġett li joħodna fit-tul, u preokkupazzjoni li għandu jkollna kuljum. Ma stajtx ma nsegwix fil-proposti tagħha, il-

kummissjoni tagħkom tal-ambjent li riedet li l-kompetenza "żvilupp sostenibbli" tingħata lill-Viċi President responsabbli mit-tkabbir u l-investiment: għażilt li nitlob lil Frans Timmermans sabiex jieħu ħsieb ta' dan l-aspett partikolarment importanti tal-azzjoni kollettiva tagħna, għaliex diġà l-karta tad-drittijiet fundamentali, li parti kbira mix-xogħol tiegħu se jikkonsisti fl-osservazzjoni tagħha, tipprevedi diġà r-rispett tal-iżvilupp sostenibbli, kif jistipula l-Artikolu 3 tat-Trattat.

Il-Viċi Presidenti li għażilt se jkunu responsabbli mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni li kont ipprezentajtlikom f'Lulju ta' din is-sena. Viċi President se jkun responsabbli mill-Unjoni tal-Enerġija, fid-dimensjonijiet kollha tagħha, inklużi l-enerġiji rinnovabbli u alternattivi. Viċi President se jkun responsabbli mit-tkabbir u l-investiment; se jkun hemm Viċi President responsabbli mis-suq diġitali Ewropew; u se jkun hemm Viċi President responsabbli mill-euro u mid-djalogu soċjali. Dawn mhumiex kapijiet żgħar, li se jagħtu l-istruzzjonijiet lill-kummissarji l-oħra. Il-kummissarji tal-Kummissjoni huma ugwali fid-drittijiet: dawn huma Viċi Presidenti ta' proġetti, koordinaturi, animaturi, unifikaturi, organizzaturi tal-ideat u tal-inizjattivi. Innutajt, matul is-smiġġ parlamentari u fil-parti t-tajba tal-opinjoni pubblika ppubblikata, bosta dubji u mistoqsijiet dwar dawn il-kreaturi strambi li huma l-Viċi Presidenti koordinaturi tal-ħidma tal-Kummissjoni. Kont sorpriż meta qrajt dan. Kulħadd kien qalli li l-Kummissjoni kellha tiffunzjona b'mod aktar effettiv. Kulħadd, jew kważi kulħadd, kien ilmenta li l-Kulleġġ kien jikkonsisti minn 28 kummissarju, jiġifieri kummissarju għal kull pajjiż: huma numerużi wisq. Kelli l-għażla bejn organizzazzjoni arkitettonika riveduta jew qsim tal-kompetenzi b'mod li nkun nista' nqassamhom bejn 28 kummissarju. Għalhekk, il-mistoqsija hija sempliċi: jew tridu 28 kummissarju, li kull wieħed minnhom jaħdem għalih waħdu b'mod kompartmentalizzat, u jieħu ħsieb kompetenzi żgħar, li jitfaċċaw wara li jinqasmu l-kompetenzi tal-Kummissjoni, jew kummissarji li jaħdmu taħt il-gwida amikevoli tal-Viċi Presidenti li jikkoordinaw il-ħidma tagħhom. Jekk tridu Kummissjoni kif kienet qabel, dan misskom għidtu. Iżda jekk tridu Kummissjoni aktar effettiva, Kummissjoni li tindirizza l-ambizzjonijiet il-kbar tal-Ewropa, li torganizzahom, li tistrutturahom, allura ma hemmx għażla oħra ħlief li ninkarigaw numru ta' Viċi Presidenti bit-twettiq tal-prijoritajiet politiċi l-kbar tal-Kummissjoni.

Se nagħtikom żewġ eżempji: hemm Viċi President għall-euro u għad-djalogu soċjali u hemm kummissarju għall-affarijiet ekonomiċi, finanzjarji u fiskali, u kummissarju ieħor għall-affarijiet soċjali. Minbarra dan, hemm ukoll is-semestru Ewropew. Huwa ċar li l-Viċi President responsabbli jrid jikkoordina l-inizjattivi tal-kummissarju għall-affarijiet soċjali u tal-kummissarju għall-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji. Is-semestru Ewropew mhuwiex semestru ekonomiku u finanzjarju. Is-semestru Ewropew, irrakkomandazzjonijiet għal kull pajjiż li toħroġ il-Kummissjoni jridu bilfors iqisu l-aspetti soċjali u tal-kostruzzjoni ekonomika u monetarja tal-Ewropa.

Hemm dibattitu sħiħ dwar it-"Triple A". Kulħadd irid it-"Triple A". Fil-fatt, fiż-żona euro, għad hemm żewġ pajjiżi li ngħatalhom grad ta' "Triple A"; il-Ġermanja u l-Lussemburgu. Il-Ġermanja għandha possibiltajiet tajbin li żżommu u dwar il-Lussemburgu għad irridu naraw. Iżda nixtieq li l-Unjoni Ewropea ssib u tipprovdi lilha nnifisha bi "Triple A" ieħor. Jien nixtieq li l-Ewropa jkollha "Triple A" soċjali: it-"Triple A" soċjali huwa importanti daqs dak ekonomiku u finanzjarju.

Innominajna Viċi President għat-tkabbir u l-investment. Huwa se jikkoordina l-azzjoni tal-kummissarji kollha li se jikkontribwixxu għall-politika tat-tkabbir u tal-investment; il-kummissarju għat-trasport, il-kummissarju għall-ekonomija diġitali, għal darba oħra l-kummissarju għall-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji u fiskali u l-kummissarju responsabbli mill-affarijiet soċjali u l-impjiegi, il-kummissarju responsabbli mill-unjoni tas-swieq tal-kapital, il-kummissarju responsabbli mis-suq intern eċċ.

Jekk irridu nippreżentaw lill-Ewropej, u b'hekk l-ewwel nett lill-Parlament, pakkett ta' investimenti ambizzjuż, xi ħadd irid jorganizzah. U billi hemm bosta kompetenzi li jridu jiġu magħquda flimkien, b'hal ma hemm bosta kummissarji li jridu jgħaqqdu fiċ-ċentru d-differenzi politiċi tagħhom, huwa evidenti li Viċi President irid jikkoordina l-ħidmiet. Nixtieq intemm il-kompartimentalizzazzjoni, nixtieq intemm il-mod ta' tmexxija li jrid li kull kummissarju jaħdem għalih waħdu; nixtieq intemm il-mentalità ta' kompartimentalizzazzjoni li wieħed jista' ta' sikwit jara fil-ħidma tal-Kummissjoni.

Niġbdilkom l-attenzjoni għal aspekk li prattikament l-ebda kummentatur ma rrimarka dwaru: dak li se jitlef l-iżjed minn din l-arkitettura l-ġdida huwa jien... Għas-sempliċi raġuni li ddelegajt ħafna mill-prerogattivi presidenzjali tiegħi lill-Viċi Presidenti. Wieħed ma jstax joħloq Viċi Presidenti tal-proġetti jekk il-President ikompli jopera fit-tmexxija tal-Kummissjoni kif kien il-każ sa issa. Iżda rrid ngħid hawn li sabiex punt jitqiegħed fuq l-aġenda tal-Kummissjoni, l-ewwel nett irrid li jkolli l-approvazzjoni u l-qbil tal-Viċi President responsabbli mill-koordinazzjoni. Iżda dak li jiddelega l-prerogattivi tiegħu, u dan qed ngħidu mingħajr theddid, jista', jekk ikun meħtieġ, joħodhom lura. Minbarra dan, il-Viċi Presidenti huma responsabbli mill-ħidma li, sa issa, kienet il-prerogattiva tal-President tal-Kummissjoni.

Wegħidtkom f'Lulju, li nara li l-Kummissjoni l-ġdida tkun tikkonsisti f'numru suffiċjenti ta' nisa: għandna disa' kummissarji nisa, jiġifieri l-istess numru li kien hemm fil-Kummissjoni Barroso. Kelli niġġieled biex il-gvernijiet nazzjonali pproponewli disa' membri nisa. Fi tmiem Lulju, ġimagħtejn wara li kellimtkom, kellna tliet nisa proposti mill-gvernijiet: kelli nikkonvinċi numru ta' gvernijiet biex jibagħtuli kummissarju mara, u kelli nirrifjuta bosta kandidati rġiel: m'iniex se ngħidilkom liema għax ma nixtieq nimbarazza lill-prim ministri li rnexxieli nikkonvinċi biex jipponu kummissarju mara. Iżda fil-fatt, disa' nisa minn 28 kummissarju għadu numru ridikolu.

Għalhekk, billi lkoll kemm aħna niffurmaw parti, fil-prinċipju, minn partiti politiċi nazzjonali, kif, fil-prinċipju, ilkoll kemm aħna nafu lill-prim ministri tagħna, nibdew minn għada stess nissensibilizzaw lill-gvernijiet nazzjonali dwar din il-kwistjoni. U ninsab xi ftit imbarazzat ngħidilkom dan, għaliex il-Lussemburgu ma nnominax mara. Bla dubju dan se jagħmlu d-darba li jmiss, billi s-Sinjura Reding kienet kummissarju għal 15-il sena.

Għidtilkom, ħbieb tiegħi, waqt id-dibattitu li kellna f'Lulju, li kont se nsegwi mill-qrib is-seduti ta' smiġġ. Kif stajt ma nsegwix is-seduti ta' smiġġ? Segwejt b'interess, ikolli ngħid varjabbli, is-seduti ta' smiġġ parlamentari: 29 b'kollox. Għidtilkom f'Lulju li l-Kummissjoni mhix is-segretarjat ġenerali tal-Kunsill Ewropew u lanqas tal-Kunsill tal-Ministri u li ma kontx ser inkun il-qaddej tal-Parlament Ewropew. Smajt ukoll dak li għidtu u rajt li kien tajjeb li nieħu kont ta' numru ta' konsegwenzi tas-seduti li seħħew quddiemna. Il-kummissarju proposta mis-Slovenja kellha tiġi sostitwita minn kummissarju ieħor mis-Slovenja u ddeċidejt li nattribwilha l-portafoll importanti tat-trasport. Billi ma ridtx niftaħ mill-ġdid l-arkitettura ta' bażi tal-Kummissjoni, għażilt li ninnomina lis-Sur Šefčovič bħala responsabbli għall-Unjoni tal-Enerġija billi matul is-snin li għaddew huwa diġà kien Viċi President u għalhekk għandu idea ta' dak li jista' jirrappreżenta x-xogħol ta' koordinazzjoni li qed nitolbu jwettaq. Diġà għidt li pproponejt lill-ħabib tiegħi Frans Timmermans li nżid mal-portafoll tiegħu il-politiki kollha marbuta mal-iżvilupp sostenibbli. Smajt b'ħafna attenzjoni lil dawk kollha li lmentaw mill-fatt li kont neħħejt il-kompetenzi fil-qasam tal-mediċini u l-prodotti farmaċewtiċi u għaddejthom mill-portafoll tal-Kummissarju għas-saħħa għal dak responsabbli mis-suq intern. Ma kellix l-idea - u dawk li jafuni dan jafuh sew - li l-mediċini, il-prodotti tas-saħħa u l-attivitajiet mediċi stess, huma prodotti bħall-oħrajn: is-saħħa mhix prodott kummerċjali. U għalhekk, b'sensittività għall-appell li sarli biex nirriorganizza dan it-tqassim fil-kompetenzi - li kienet xewqa espressa matul is-smiġġ parlamentari, u kienet ukoll xewqa tal-biċċa l-kbira tal-professionijiet mediċi - iddeċidejt li nagħti lura dawn il-kompetenzi lill-kummissarju għas-saħħa.

Il-politika tal-ispazju, f'għajnejja, hija qasam li jipprometti. Dehri aktar xieraq li nagħti lill-kummissarju responsabbli mis-suq intern ir-responsabilità tal-politika tal-ispazju, kif kien il-każ fil-kompożizzjoni tal-Kummissjonijiet preċedenti. L-ċittadinanza, iva, segwejt id-dibattiti tagħkom dwar din il-kwistjoni u kont sensibbli għal numru ta' rimarki li rriflettew nuqqas ta' sodisfazzjoni u għalhekk għażilt li nattribwixxi l-fajl ta' ċittadinanza lill-kummissarju responsabbli mill-immigrazzjoni u mill-affarijiet tal-intern, kompetenza li trid naturalment tinqasam mal-kummissarju għall-ġustizzja. Żidt l-isport mal-fajl tas-Sur Navracsics.

Fl-aħħarnett, Sur President, jiena ħadt nota tad-dibattiti intensi rigward ir-riżoluzzjoni tad-disputi bejn l-investituri u l-istati fin-negozjati dwar is-sħubija transatlantika ta' kummerċ u investiment. Ippermettuli nerġa' nistqarr b'mod ċar il-pożizzjoni tiegħi, li jiena stqarrejt fil-15 ta' Lulju quddiem din il-Kamra u li intom issibu fil-Linji-Gwida Politiċi tiegħi: Minix se naċċetta li l-ġuriżdizzjoni tal-qrati fl-Istati Membri tal-UE tkun limitata minn reġimi speċjali fejn jidhru disputi bejn l-investituri u l-istat. L-istat tad-dritt u l-prinċipju tal-ugwaljanza quddiem il-liġi għandhom japplikaw ukoll f'dan il-kuntest. Il-mandat ta' negozjar jipprevedi numru ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu rispettati minn reġim bħal dan, kif ukoll evalwazzjoni tar-relazzjoni tiegħu mal-qrati domestiċi. Għalhekk ma hemm l-ebda obbligu f'dan ir-rigward: il-mandat iħalli s-sitwazzjoni miftuħa u jservi ta' gwida. Kont naħseb li l-impenn tiegħi dwar dan il-punt kien ċar ħafna iżda jien kuntent li niċċarah u nisħaq fuqu hawnhekk illum kif numru minnkom tlabtuni nagħmel: Fil-ftehim li l-Kummissjoni tiegħi eventwalment sejra tippreżenta lil din il-Kamra għall-approvazzjoni mhu se jkun hemm xejn li jillimita l-aċċess għall-partijiet għall-qrati nazzjonali jew li jippermetti lil xi qrati sigrieti li jkollhom l-aħħar kelma f'disputi bejn l-investituri u l-istati.

Jiena tlabt lil Frans Timmermans, għal darb'oħra, fir-rwol tiegħu bħala l-ewwel Viċi President inkarigat mill-Istat tad-Dritt u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jkun il-konsulent tiegħi f'din il-kwistjoni. Mhu se jkun hemm l-ebda klawsola dwar dispuġi bejn l-investitur u l-Istat fit-TTIP jekk Frans ma jaqbilx magħha wkoll. Ninsab fiduċjuż li - bl-appoġġ tagħkom - inkunu nistgħu ninnegożjaw fuq dawn il-linji ftehim ambizzjuż ta' kummerċ mal-Istati Uniti, fir-rispett sħiħ tal-interessi Ewropej u tal-istat tad-dritt. Jiena impenjat b'mod qawwi għall-konklużjoni ta' ftehim ta' kummerċ mal-Istati Uniti, iżda jiena tajt wegħda lil dan il-Parlament matul il-kampanja li se nkun attent għar-regoli Ewropej. Mal-Amerikani rridu ninnegożjaw. Frans se jmexxi dawn il-ftehimiet sal-konklużjoni tagħhom, iżda ridt li nkun ċar kemm jista' jkun dwar din l-istess kwistjoni.

Sur President, issa se nitkellem bil-lingwa taċ-ċampjins tad-dinja - anki jekk jidher li bħalissa ċ-ċampjins jidher li għaddejjin minn perjodu ta' dgħjufija.

Il-President jemmen li din hija dgħjufija temporanja. Anki l-Ġermaniżi jridu jidraw li huma wkoll jistgħu jkunu dgħajfa għal żmien twil.

Nixtieq li nesprimi ruħi ulterjorment dwar ċerti kwistjonijiet li ngħataw importanza kbira fid-dibattiti tal-ġimgħat li għaddeu.

F'Lulju jiena tajt il-wegħda li nippreżenta pakkett ta' investiment ta' 300 biljun Euro. L-investimenti għandhom importanza vitali għall-ekonomija Ewropea u għan-nies li jgħixu u jaħdmu fl-Ewropa. Bħalissa l-Ewropa qed issofri minn tnaqqis qawwi fl-investimenti ta' medja ta' 20 fil-mija - meta mqabbla direttament mas-sena ta' qabel il-kriżi, 2007, 36 fil-mija tnaqqis fl-investimenti fil-Portugall, 64 fil-mija tnaqqis fl-investimenti fil-Greċja. L-ekonomiji li fihom ma jsirx investiment ma jistgħux jikbru. U l-ekonomiji li ma jikbrux, ma jistgħux joħolqu l-impjiegi. Dan il-programm ta' investiment huwa għal qalbi ħafna. Nixtieq ngħid bl-aktar mod ċar li kull tentattiv, li intant inbeda bl-aktar mod ovvju, biex ibegħdni minn din l-intenzjoni tiegħi, se jkun għalxejn: jien se nippreżenta dan il-programm ta' investiment.

Dan il-programm ta' investiment ma jistax jiġi ffinanzjat permezz ta' dejn ġdid. Irridu naraw li permezz ta' użu intelliġenti ta' flus mis-settur pubbliku, jiġu xprunati l-investimenti tal-privat. L-ekonomija trid issir taf li hija wkoll għandha l-kompitu tagħha xi twettaq fis-soċjetà. Ma humiex biss l-istati li huma responsabbli biex jiġġieldu l-qgħad, iżda l-ekonomija għandha wkoll responsabilità li ġġorr sehemha. Jien għalhekk qiegħed nappella lill-ekonomija Ewropea li terfa' sehemha sabiex isitwazzjoni fis-suq tax-xogħol fl-Ewropa tittejjeb, u b'hekk ikun jista' jinġieb fluss ta' investiment li tant għandha bżonnu, biex inqumu mis-sitwazzjoni li qegħdin fiha bħalissa.

Kuntrarju għall-pjan oriġinali, jiena m'inx se nippreżenta dan il-programm ta' investiment fl-ewwel tliet xhur tal-mandat tiegħi, iżda l-Viċi President responsabbli

minnu, Jyrki Katainen u jiena se nippreżentawh anki qabel il-Milied. Hemm bżonn inħaffu u rridu nilqgħu kemm jista' jkun malajr din l-isfida.

Dan il-programm ta' investiment mhux se jkun programm ta' rkupru ekonomiku, kif ippruvaw jagħmlu xi Stati Membri f'dawn l-aħħar seba' snin. Il-programmi ta' rkupru ekonomiku mhuma xejn għajr programmi tan-nar tat-tiben. Dak li għandna bżonn huma investimenti orjentati lejn ir-riżultati, li fuq perjodu ta' żmien medju jwasslu għal aktar tkabbir: investimenti li jqawwu s-saħħa tal-ekonomija Ewropea. Mhix kwistjoni biss li wieħed jonfoq il-flus sempliċement biex joħloq l-impresjoni li wieħed ikun qed jagħmel xi ħaġa. Dak li hemm bżonn isir huwa li jiġu mobilizzati l-flus biex flimkien mas-settur privat, fuq perjodu ta' żmien medju, jitqawwew is-saħħa ekonomika u l-potenzjal ekonomiku tal-Unjoni Ewropea. Dan għaliex il-kompitu ewlieni tagħna, dak li għandna quddiemna, huwa li niġġieldu l-qgħad. U l-għieda kontra l-livell skandaluż ta' qgħad fost iż-żgħażaġħ f'ħafna mill-Istati Membri tagħna għandha bżonn fuq kollox, anki jekk mhux biss, is-sostenn tal-ekonomija privata.

Fil-qafas ta' dan l-isforz kollettiv, huwa ovvju li jeħtieġ naħdmu ukoll fuq l-aġenda diġitali Ewropea u fuq is-suq diġitali uniku. Il-kollega tiegħi Günther Oettinger se jkun qiegħed jieħu ħsieb ukoll din il-materja ta' importanza. L-investizzjonijiet waħedhom, li jridu jsiru f'dan il-qasam se jġibu tkabbir ekonomiku ta' madwar 250 biljun Euro fis-snin li ġejjin. Aħna se jrin insostnu dan il-proġett.

Fl-aħħar xhur intqal ħafna dwar il-pakkett ta' stabilità, iżda f'tit saret riflessjoni. Anki hawn nixtieq nitkellem ċar: Jiena, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea kollha, insostni dak li l-Kunsill Ewropew, fis-27 ta' Ġunju qal dwar din il-materja: ir-regoli mhux se jinbidlu. It-28 gvern kollha qablu b'mod unanimu li s-sistema regolamentarja ma għandhiex tintmess. Iżda r-regolamenti se jintużaw bil-flessibilità partikolari kif previst fit-testi rispettivi tat-trattati, kif ukoll f'testi legali oħra. Aħna se nagħmlu dak li talab minna l-Kunsill Ewropew; se nagħmlu dak li jien diġà fil-15 ta' Lulju quddiem din il-Kamra kont stqarrejt: Irid ikun hemm id-dixxiplina baġitarja, irid ikun hemm il-flessibilità, u jrid ikun hemm ir-riformi strutturali. Mingħajr riformi strutturali, li jwasslu għat-tul għall-għoti ta' nifs ġdid lill-ekonomija Ewropea u s-suq tax-xogħol Ewropew, ma jistax ikun hemm flessibilità.

Iżda nixtieq ukoll ninsisti ma' xi kollegi biex iwarrbu l-ħsieb li tkun biss politika eżaġerata ta' awsterità u ta' tiffdil li awtomatikament twassal għall-għoti ta' nifs ġdid lill-qawwa ekonomika u li jwasslu għall-imbuttatura 'l quddiem tas-suq tax-xogħol. Lanqas il-kuntrarju mhu minnu, li d-defiċits u l-livelli għolja ta' dejn iwasslu awtomatikament għat-tkabbir ekonomiku. Kieku kien hekk, jiġifieri li l-livelli għolja ta' defiċits u ta' dejn iwasslu għat-tkabbir, kienu l-Ewropa kellha għax tara l-akbar tkabbir fl-istorja tagħna, għax qatt ma kellna daqstant dejn daqs kemm għandna llum. Iżda li wieħed jgħid li hija biss il-konsolidazzjoni tal-baġit li twassal għat-tkabbir, mingħajr ma jkun hemm il-flessibilità u r-riformi strutturali meħtieġa, kif ukoll l-investment, dan ukoll mhux minnu. Għaldaqstant għandna bżonn iż-żewġ affarijiet: Dixxiplina fil-baġit, kif ukoll politika mmirata lejn it-tkabbir, f'għaqda mal-investimenti, sabiex inkunu nistgħu nimxu lejn il-futur bil-ħeffa mitluba.

Fl-añhar nett, osservajt, Sinjuri, li qamu bosta mistoqsijiet dwar dak li għidt f'Lulju dwar is-suġġett tat-tkabbir. Innominajt kummissarju għall-politika tal-viċinat u għan-negozjati tal-adeżjoni. Numru ta' kummissjonijiet minn tagħkom ipproponew li dan il-portafoll jingħata l-isem ġdid ta' "kummissarju għall-viċinat u t-tkabbir". Għażilt, wara dibattitu fil-fond, l-ewwel nett miegħi nnifsi, imbagħad ma' numru ta' ħbieb tiegħi, li nsejjaħ dan il-portafoll "kummissarju għan-negozjati tat-tkabbir". Jien ma nixtieqx nidħaq bin-nies jew bil-popli: tagħtux l-impressjoni li dawk li huma pajjiżi kandidati, li jistgħu jsiru membri tal-Unjoni Ewropea matul il-ħames snin li ġejjin. Mhuwiex se jkun hemm membri ġodda matul il-mandat ta' din il-Kummissjoni: dan strettament ma jistax isir.

Għalhekk, ejjew ngħidu l-verità. Ma nħallux lil dawk li qed jistennew l-adeżjoni jemmnu li din tista' sseħħ matul il-ħames snin li ġejjin. Huwa evidenti li n-negozjati tat-tkabbir ikomplu bl-istess pass, bl-istess enerġija, bl-istess impenn kif kien il-każ sa issa. U nixtieq insellem lill-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea billi ngħidilhom li n-negozjati jiġu aċċellerati, jekk hemm bżonn, iżda li mhuwiex realistiku li wieħed iqis li dawn jistgħu jitlestew minn issa sal-2019.

Fl-añhar nett, hemm problema oħra li tixxukkjani u li tixxukkjakom u hija skandaluża: dawn huma l-kontijiet mhux imħallsa tal-Unjoni Ewropea.

Din hija problema qadima. Is-Sur Verhofstadt, li miegħu kont minstru tal-Baġit, diġà, f'dak iż-żmien, fil-Kunsill tal-Baġit, konna sibna kontijiet mhux imħallsa: l-Unjoni Ewropea, biex tkun kredibbli, trid tħallas il-kontijiet tagħha fil-ħin. L-Unjoni Ewropea trid tonora l-impenji tagħha.

Dawn huma, Sur President, Sinjuri deputati, il-punti li xtaqt niċċara għad-dibattitu tagħna u fir-rigward tal-mistoqsijiet tagħkom, li kienu ħafna.

Qegħdin naħdmu f'kuntest internazzjonali li qed jurina, jum wara l-ieħor, li qed ngħixu f'dinja dejjem aktar perikoluża. Il-moviment li qed jissejjaħ l-Istat Iżlamiku huwa l-għadu tal-valuri Ewropej: ma nistgħux naċċettaw dan l-aġir.

Il-kriżi tal-Ebola titlob reazzjoni b'saħħitha, rapida, organizzata u kkonċentrata tal-Unjoni Ewropea: ma għandix l-impressjoni li konna ppreparati biżżejjed meta ġejna biex niġġieldu kontra din l-epidemija.

Ninnota, b'diqa kbira, li sakemm dan il-fenomeno kien qed jolqot biss il-kontinent Afrikan, ma għamilna xejn. Fil-mument li l-epidemija waslet fl-Ewropa bdejna nieħdu azzjoni: missna bdejna qabel.

Il-problemi marbuta mal-immigrazzjoni illegali għadhom hemm. Tlabt lill-eks Ministru tal-Affarijiet Barranin u eks Ministru tad-Difiża Grieg biex jieħu dan il-portafoll, kif tlabt lill-Kummissarju Ċiprijott responsabbli mill-għajnuna umanitarja biex imur mill-aktar fis fl-Afrika sabiex juri l-preżenza fuq il-post tal-Kummissjoni Ewropea. Il-problemi marbuta mal-immigrazzjoni illegali u l-immigrazzjoni legali se jkunu ttrattati tassew b'ħala prijoritajiet mill-Kummissjoni li nispera se tibda l-ħidma tagħha fl-1 ta' Novembru.

Nirrepeti dak li diġà għidt f'Lulju: irrid li nerġgħu niskopru l-merti tal-metodu komunitarju. Nixtieq li din il-Kummissjoni u dan il-Parlament ikunu l-promoturi, il-ħaddiema u l-arkitetti ta' riskoperta tal-metodu komunitarju.

Il-metodu intergovernamentali, fl-urġenza u fil-mument, għandu l-merti tiegħu, iżda nemmen fit-trijangolu virtwuż bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni u nixtieq li nerġgħu niskopru mill-ġdid dan il-metodu.

Għidtilkom li nħossuna marbuta b'kuntratt imfassal għal tul ta' ħames snin mal-Parlament tagħkom. L-ewwel punt ta' riferiment tal-Kummissjoni l-ġdida se jkun il-Parlament. Il-Parlament li għamel dak li kien meħtieġ sabiex iseħħu l-konsegwenzi normali, naturali, tal-vot tas-27 ta' Mejju, tal-espressjoni tal-vot universali.

Naf li fostkom hemm dawk li ma kinux favur li l-partiti politiċi jippreżentaw kandidati ewlenin fil-listi tagħhom. Dan sar u ngħidilkom illum, ngħidha fuq kollox lil dawk li ma għoġobhomx dan il-proċess: ma nistgħux nerġgħu lura minn din it-triq.

Fl-2019, il-kampanja elettorali Ewropea se tkun tassew kampanja pan-Ewropea u kulħadd se jkun jaf, qabel ma jmur jivvota... Id-demokrazija hija wkoll Ewropea, hija kontinentali u, billi ssir aktar demokratika, l-Ewropa ma tnaqqas xejn mill-importanza tal-Istati u mill-importanza tan-nazzjonijiet... Tan-nazzjonijiet li, nirrepeti, mhumieħ ħlejjaq temporanji tal-istorja: huma qegħdin hemm biex jibqgħu u l-Ewropa trid tirrispetta lin-nazzjonijiet u lill-Istati Membri. Ma nistgħux nibnu l-Ewropa kontra n-nazzjonijiet, li għandhom it-tradizzjonijiet, il-virtujiet, ir-rikkezzi tagħhom, u li għandhom raġuni għalfejn jeżistu. Ma nistgħux nibnu l-Ewropa kontra l-Istati Membri, iżda bir-rieda tajba li niltaqgħu magħha kullimkien fl-Ewropa, fil-livell tas-soċjetà ċivili, fil-livell tas-soċjetajiet tagħna, fil-livell tal-Istati Membri tagħna, fil-livell tal-parlamenti nazzjonali tagħna.

Se ngħidilkom il-konvinzjoni tiegħi: jien konvint li din il-Kummissjoni se tkun il-Kummissjoni li tagħtina l-aħħar ċans: jew jirnexxielna nqarrbu liċ-ċittadini Ewropej lejn l-Ewropa, jew infallu. Jew jirnexxielna nagħmlu lill-Ewropa entità politika li tieħu ħsieb l-affarijiet il-kbar u ma tmissx l-affarijiet iż-żgħar, jew infallu. Jew jirnexxielna nikkoordinaw mal-Istati Membri, mal-gvernijiet, mal-parlamenti, mal-imsieħba soċjali, biex innaqqsu b'mod drammatiku r-rata tal-qgħad, jew infallu. Jew nerġgħu nagħtu perspettiva ġdida liż-żgħażaġħ Ewropej, jew infallu.

Nixtieq li naħtfu dan iċ-ċans biex inċaqilqu l-Ewropa: l-Ewropa jixirqilha dan u jien qed niddependi fuqkom, Sur President, Sinjuri, sabiex tappoġġaw lill-Kummissjoni fid-dmirijiet differenti tagħha li jinsabu quddiemna, li jinsabu quddiemkom u li jinsabu quddiem l-Ewropej.

Nirringrazzjakom tal-attenzjoni tagħkom.

